A.L. 88 ta' l-2008

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regoli ta' l-2008 dwar il-Miżuri ta' Kontroll ta' l-Influwenza tat-Tjur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5(1) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2007 dwar il-Miżuri ta' Kontroll ta' l-Influwenza tat-Tjur.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regoli hu l-implimentazzjoni tar-regoli li jinsabu fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 2005/94 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur u li jħassru d-Direttiva 92/40/KEE.

Suġġett u skop.

2. Dawn ir-Regoli jistabbilixxu:

(1) (a) ċerti miżuri preventivi rigward is-sorveljanza u s-sejba bikrija ta' l-influwenza tat-tjur u ż-żieda fil-livell ta' għarfien u preparazzjoni għar-riskji tal-marda, mill-awtoritajiet kompetenti u l-komunita 2 tal-biedja;

(b) il-miżuri minimi ta' kontroll li għandhom jiġu applikati f'każ ta' tfaqqigħ ta' influwenza tat-tjur fit-tjur jew għasafar oħra li jinżammu f'gaġeġ, u l-iskoperta bikrija ta' viruses ta' l-influenza tat-tjur lill-mammiferi;

(ċ) miżuri oħra sussidjarji biex jiġi evitat it-tixrid ta' viruses ta' l-influenza ta' oriġini avjarja lil speċi oħra.

(2) Malta għandha tibqa' ħielsa illi tieħu miżuri aktar severi fil-qasam kopert minn dawn ir-Regoli.

KAPITOLU I

Tifsiriet.

3. Għall-finijiet ta' dawn ir-Regoli, għandhom japplikaw dawn it-tifsiriet li ġejjin:

"awtorità kompetenti" tfisser is-Servizzi Veterinarji;

"azjenda" tfisser kull stabbiliment agrikolu ta' xort'oħra, fosthom, ċrieki, *zoos*, ħwienet ta' għasafar domestiċi, swieq ta' għasafar , u postijiet fejn jinżammu l-għasafar, fejn jinżammu tiġieġ jew għasafar oħra qed jitrabbew u jinżammu:

Iżda din it-tifsira ma tinkludix biċċeriji, mezzi ta' trasport, faċilitajiet u ċentri ta' kwarantina, punti ta' spezzjoni tal-fruntieri u laboratorji awtorizzati mill-awtorità kompetenti sabiex iżommu l-virus ta' l-influenza tat-tjur;

"azjenda mhux kummerċjali" ifisser azjenda fejn jinżammu mis-sidien tiġieġ jew għasafar oħra maqbudin:

(a) għall-konsum jew użu tagħhom ;

(b) bħala annimali domestiċi;

"azjenda ta' kuntatt" ifisser azjenda minn fejn setgħet ġiet l-influwenza tat-tjur jew li fejn setgħet ġiet introdotta minħabba l-lokalità tiegħu, iċ-ċaqliq ta' persuni, tiġieġ jew għasafar oħra maqbudin f'gaġġa, vetturi jew b'kull mod ieħor;

"azjenda tat-tjur kummerċjali" tfisser azjenda fejn jinżamm tiġieġ għal skopijet kummerċjali;

"Bank tal-Komunità ta' tilqim" tfisser stabbiliment adatt iddisinjat f'konformità ma' Regolament (59(1) għat-taħżin ta' riżervi Komunitarji ta' tilqim kontra l-influenza tat-tjur;

"flieles tal-jum" tfisser it-tiġieġ li għandhom inqas minn 72 siegħa, li jkun għandhom ma ġewx mitmugħa, u papri Muskovija (*airina moshara*) jew ir-razez imħallta tagħhom, li għandhom inqas minn 72 siegħa, sew jekk ikunu mitmugħa u sew jekk le;

"folla ta' għasafar" tfisser it-tjur kollu jew għasafar maqbudin f'gaġġa f'unità ta' produzzjoni waħda;

"għasfur selvaġġ" tfisser għasfur ħieles li ma jinżamm fuq l-ebda azjenda;

"influwenza tat-tjur" tfisser l-infezzjonijet kollha ta' influwenza kif deskritti fi Skeda I;

"influwenza tat-tjur patoġenika ħafna" tfisser kull infezzjoni ta' l-influwenza tat-tjur kif deskrtti fi Skeda I;

"Influenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa (LPAI)" tfisser l-infezzjonijet kollha ta' influwenza kif deskritti fi Skeda I;

"Karkassi" tfisser tjur jew għasafar oħra maqbudin f'gaġġa li mietu jew li nqatlu u mhux adatti għall-konsum uman, jew partijiet minnhom;

"kompartiment tat-tjur" jew "kompartiment ieħor ta' għasafar f'gaġġa" tfisser azjenda jew azjendi taħt sistema komuni ta' immaniġġjar ta' biosigurtà li jkun fih sotto-popolazzjoni ta' tjur jew għasafar f'gaġġa bi status distint ta' saħħa rigward l-influenza tat-tjur soġġetti għal mizuri adatti ta' sorveljanza , kontroll u bijosigurtà;

"mammiferu" tfisser annimal tal-klassi Mammiferu – ħlief l-umani;

"manwal dijanjostiku" tfisser il-manwal dijanjostiku kif provdut f'Regola 51(1);

"qtil" tfisser kull proċess ħlief dak tat-tbiċċir li tikkawża l-mewt ta' mammal, tiġieġ jew għasafar oħra miżmum f'gaġġa;

"razez rari uffiċjalment reġistrati ta' tjur jew għasafar oħra f'gaġġa" tfisser kull tjur jew għasafar oħra f'gaġġa għal kull raġuni oħra għajr dak imsemmi f'punt 4 inkluż dawk li jinżammu għal wirjiet, tlielaq, esebizzjonijiet, kompetizzjonijet, trobbija jew bejgħ;

"rimi" tfisser l-att ta' ġbir, trasport, taħżin, maniġġjar, ipproċessar u l-użu jew rimi ta' prodotti sekondarji għall-annimal f'konformità ma':

(a) Regolament (KE) numru 1774/2002; jew

(b) Regoli li għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija f'Regola 65(2);

"sid" tfisser kull persuna jew persuni, naturali inkella legali li jkollhom proprjetà ta' tjur jew għasafar oħra f'gaġġa, jew li ġew fdati dawn l-għasafar, sew jekk għal skopijiet kummerċjali u sew jekk le;

"sorveljanza uffiċjali" tfisser l-azzjoni ta' monitoraġġ kawt mill-awtorità kompetenti ta' l-istatus tas-saħħa tat-tiġieġ jew għasafar oħra f'gaġġa jew mammiferi f'azjenda rigward l-influwenza tat-tjur;

"Strateġija li tiddistingwi annimal infettat minn wieħed li jkun Mlaqqam (DIVA)" tfisser strateġija ta' tilqim li tippermetti distintizjoni li għandha ssir bejn annimali mlaqqqma jew infettati u dawk li jkunu mlaqqma u mhux infettati permezz ta' applikazzjoni ta' test dijanjotiku maħsub sabiex jinstabu antikorpu kontra l-virus u l-użu ta' għasafar ta' sentinella;

"superviżjoni uffiċjali" tfisser l-azzjoni li tittieħed mill-awtirità kompetenti sabiex tivverifika li qed jiġu ikkonformati r-rekwiżiti ta' dawn ir-Regoli u ta' kull struzzjoni minn dik l-awtorità dwar kif dawn il-ħtiġijiet għandhom ikunu sodisfatti;

"tbiċċir" tfisser kull proċess li jwassal għall-mewt ta'mammiferu jew tjur bit-tixrid tad-demm, għall-iskop ta' konsum uman;

"tfaqqigħ" tfisser azjenda fejn l-influwenza tat-tjur jiġi kkonfermat mill-awtorita kompetenti;

"tifqigħa primarja" tfisser tifqigħa li mhix marbuta epidemioloġikament ma' tifqigħa preċedenti fl-istess reġjun ta' Stat Membru jew l-ewwel tifqigħa f'reġjun differenti ta' l-istess Stat Membru;

"tifqigħa suspettata" tfisser azjenda fejn l-awtorità kompetenti tissuspetta l-presenza ta' influwenza tat-tjur;

"tjur" tfisser l-għasafar kollha li qed jitrabbew jew jinżammu f'gaġeġ għall-produzzjoni ta' laħam jew bajd għall-konsum, il-produzzjon ta' prodotti oħra, għall-mili mill ġdid ta' stokk ta' għasafar tal-priża jew għall-skopijiet ta' kull programm ta' trobbija għall-produzzjoni ta' dawn il-kategoriji ta' għasafar;

"tjur jew għasafar f'gaġġa suspettati li huma infetti" ifissru kull tajr jew għasafar f'gaġġa li juru sinjali kliniċi jew li juru leżjonijiet wara l-mewt jew reazzjonijiet għal testijiet fil-laboratorji li huma tali li ma tistax tiġi eskluża l-presenza ta' l-influenza tat-tjur;

"Unità ta' produzzjoni" tfisser unità f'azjenda li dwarha l-veterinarju uffiċjali ikun sodisfatt li jkun għal kollox independenti

minn kull unità oħra fl-istess azjenda rigward il-lokalità u immaniġġjar ta' kuljum tat-tjur jew għasafar f'gaġġa li jkunu miżmumin hemm;

"veterinarju uffiċjali" tfisser il-veterinarju iddeżinjat mill-awtorità kompetenti.

KAPITOLU II

BIJOSIGURTÀ PREVENTIVA, SORVELJANZA, NOTIFIKI U INKJESTI EPIDEMIOLOĠIĊI

Miżuri preventivi ta' bijosigurtà.

4. Jistgħu jiġu stabbiliti disposizzjonijiet speċifiċi rigward miżuri preventivi ta' bijosigurtà f'konformità mal-proċedura msemmija f'Regola 65(2).

Programmi ta' sorveljanza.

5. (1) Malta għandha twettaq programmi ta' sorveljanza sabiex:

(a) issib il-prevalenza ta' infezzjonijiet bil-virus bis-sottotipi H5 u H7 ta' l-influenza tat-tjur fi speċi ta' tjur;

(b) tikkontribwixxi, fuq bażi ta' assessjar ta' riskju aġġornat regolarment, għall-għarfien dwar it-theddid minn għasafar selvaġġi rigward kull virus ta' influwenza ta' oriġini avjarja fl-għasafar.

(2) Il-programmi ta' sorveljanza msemmija f'sub-Regola (a) ta' Regola 2 għandu jikkonforma ma' linji gwida li għandhom jitfasslu mill-Kummissjoni bi qbil mal-proċedura msemmija f'Regola 65(2).

Notifika.

6. (1) Malta għandha tiżgura illi l-presenza suspettata u presenza ta' influenza tat-tjur ikunu notifikati b'mod obbligatorju u immedjat lill-awtorità kompetenti .

(2) Minbarra l-ħtigijiet mniżżla fil-leġislazzjoni tal-Komunità dwar notifika ta' tfaqqigħ ta' mard ta' annimali, Malta għandha tavża lill-Kummissjoni skond Skeda II ta' kull tip ta' influenza tat-tjur kkonfermata mill-awtorità kompetenti f'biċċeriji. Mezzi ta' trasport, punti ta' spezzjoni fil-fruntiera u postijiet oħra fil-fruntieri tal-Komunità u faċilitajiet tal-kwarantina jew ċentri li joperaw skond liġi Komunitarja dwar importazzjoni ta' tjur jew għasafar oħra maqbudin.

(3) Malta għandha tavża r-riżultati ta' kull sorveljanza għall-influwenza tat-tjur li jsir fuq mammiferi.

Inkjesta epidemijoloġika.

7. (1) Malta għandha tiżgura li l-inkjesti epidemijoloġiċi jitniedu abbażi ta' kwestjonarji, stabbiliti fil-qafas ta' pjanijiet ta' kontinġenza kif imniżżla f'Regola 63.

(2) L-inkjesta epidemijoloġika għandha tinkludi għall-inqas dan li ġej:

(a) it-tul ta' żmien li matulu l-influwenza tat-tjur setgħet kienet preżenti fir-razzett jew post jew mezzi ta' trasport oħrajn;

(b) l-oriġini possibbli ta' l-influwenza tat-tjur;

(ċ) l-identifikazzjoni ta' kull azjenda ta' kuntatt;

(d) iċ-ċaqliq ta' tjur, għasafar oħrajn f'gaġġa, mammiferi, vetturi jew kull materjal jew mezzi oħra li permezz tagħhom seta' nxtered il-virus ta' l-influwenza tat-tjur;

(3) L-awtorità kompetenti għandha tikkonsidra l-inkjesta epidemijoloġika meta;

(a) tiddeċiedi jekk għandhomx jiġu applikati miżuri addizzjonali ta' trażżin tal-mard; u

(b) tagħti derogi kif imniżżel f'dawn ir-Regoli.

(4) Jekk l-inkjesta epidemijoloġika tissuġġerixxi illi l-influwenza tat-tjur setgħet xterdet minn jew lejn Stati Membri oħrajn, il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata immedjatament dwar ir-riżultati tas-sejbiet kollha ta' l-inkjesta.

KAPITOLU III

TIFQIGĦ SUSPETTAT

Miżuri li għandhom jiġu applikati f'azjendi fejn ikun hemm tifqigħ suspettat.

8. (1) F'każ ta' tifqigħ suspettat, l-awtorità kompetenti għandha immedjatament tniedi investigazzjoni sabiex tikkonferma jew teskludi l-presenza ta' influenza tat-tjur f'konformità mal-manwal dijanjostiku u tqiegħed l-azjenda taħt sorveljanza uffiċjali. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura wkoll illi jiġu kkonformati l-miżuri mniżżla f'sub-Regoli 2 u 3.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura illi jiġu applikati l-mizuri li ġejjin fuq l-azjenda:

(a) jingħaddu t-tjur, għasafar oħrajn f'gaġġa u l-mammiferi kollha ta' speċi domestika jew, jekk ikun xieraq, in-numru tagħhom stmat mit-tip ta' tjur jew speċi ta' għasfur ieħor f'gaġġa;

(b) jiġi kumpillat elenku tan-numru approssimattiv ta' tiġieġ, għasafar oħrajn f'gaġġa u l-mammiferi kollha ta' speċi domestika li diġà jkun morda, mejtin jew li aktarx jiġu nfettati f'kull kategorija ta' l-azjenda; l-elenku għadu jiġi aġġornat kuljum sabiex jittieħed kont ta' tfaqqis ta' bajd, twelid u mwiet, matul il-perjodu tat-tfaqqigħ suspettat u għandhom jintwerew fuq talba lill-awtorità kompetenti;

(ċ) it-tjur u għasafar oħrajn f'gaġġa kollha għandhom jinġiebu f'binja fl-azjenda tagħhom u jinżammu hemm. Meta dan ma jkunx pratttiku, jew jekk il-benesseri tagħhom jiġi mhedded għandhom jinżammu għalihom f'xi post ieħor fuq l-istess azjenda b'tali mod illi ma jkollhomx kuntatt ma' tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa;

(d) l-ebda tiġieg jew għasafar oħrajn f'gaġġa ma jistgħu jidħlu u jħallu l-azjenda;

(e) l-ebda karkassi ta' tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa, laħam tat-tjur inkluż il-ġewwieni (laħam tat-tjur), għalf tat-tjur (għalf), reċipjenti, materjali, skart, twaqqigħ, demel ta' tjur jew ta' għasafar oħrajn f'gaġġa ("demel"), demel likwidu, skart użat jew kull ħaġa li aktarx tista' tittrasmetti l-influwenza tat-tjur ma jistgħu jitneħħew mingħajr awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti, waqt li jiġu osservati miżuri adatti ta' bijosigurtà b'mod illi jiġi minimizzat kull riskju ta' tixrid ta' influwenza tat-tjur ;

(f) l-ebda bajd ma jista' jittieħed mill-azjenda;

(g) iċ-ċaqliq ta' persuni, mammiferi ta' speċi domestika, vetturi u tagħmir lejn jew mill-azjenda għandu jkun għall-ħsara għall-kondizzjonijiet u l-awtorizzazzjoni ta' l-awtorità kompetenti;

(h) jintużaw mezzi adatti ta' diżinfettar fid-dħul u ħruġ tal-bini li jospitaw tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa u tal-azjenda innifsu f'konformità ma' l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti.

(3) L-awtorita kompetenti għandha tiżgura li l-inkjesta epidemijoloġika ssir f'konformità mar-Regola 6.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-sub-Regola 1, l-awtorità kompetenti tista' tipprovdi għas-sottomissjoni ta' kampjuni f'każi

oħrajn. F'ċirkostanzi bħal dawn l-awtorità kompetenti tista' tipproċedi mingħajr ma tadotta uħud mill-miżuri jew il-miżuri kollha mniżżla f'sub-Regola 2.

Derogi minn ċerti miżuri li għandhom jiġu applikati f'azjendi fejn ikun hemm suspett ta' tfaqqigħ.

9. (1) L-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi mill-miżuri pprovduti f'Regola 8(2) paragrafi (ċ) sa (e) fuq il-bażi ta' assessjar ta' riskju u filwaqt li jittieħdu in konsiderazzjoni l-prekawzjonijiet li jkunu ttieħdu u d-destinazzjoni ta' l-għasafar u prodotti li jkunu jridu jiċċaqilqu.

(2) L- awtorità kompetenti tista' wkoll tagħti derogi mill-miżuri pprovduti f'Regola 8 (2) , paragrafu (h) f'każ ta' għasafar oħrajn f'gaġġa li jinżammu f'azjendi mhux kummerċjali.

(3) Rigward Regola 8 (2), paragrafu (f) l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza li jintbgħat il-bajd:

(a) direttament għal stabbiliment għall-manifattura ta' prodotti tal-bajd, kif huwa stabbilit f'Kapitolu II ta' Sezzjoni X ta' Anness XII għar-Regola (KE) Numru 852/2004 sabiex dan jiġi maniġġjat u trattat skond il- Kapitolu XI ta' l-Anness II mar-Regola (KE); meta l-awtorità kompetenti toħroġ tali awtorizzazzjoni, din ta' l-aħħar għandha tkun soġġeta għall-kundizzjonijiet; jew

(b) għar-rimi.

Tul ta' żmien tal-miżuri li għandhom jiġu applikati f'azjendi fejn ikun hemm suspett ta' tfaqqigħ.

10. Il-miżuri li għandhom jiġu applikati f'azjendi f'każi ta' suspett ta' tfaqqigħ kif imniżżel f'Regola 8, għandhom ikomplu jiġu applikati sakemm l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta illi jkun ġie eskluż is-suspett ta' influwenza tat-tjur fl-azjenda .

Miżuri addizzjonali bażati fuq inkjesta epidemijoloġika.

11. (1) Skond ir-riżultati preliminari ta' inkjesta epidemijoloġika, l-awtorità kompetenti tista' tapplika l-miżuri mniżżla f'sub-Regoli (2), (3) u (4) b'mod partikolari jekk l-azjenda jkun jinstab f'post b'densità qawwija ta' tjur.

(2) Jistgħu jiġu introdotti restrizzjonijiet temporanji għall-movimenti ta' tjur, għasafar oħrajn f'gaġġa f'post definit jew fit-territorju kollu ta' Malta. Tali restrizzjonijet jistgħu jiġu estiżi għal ċaqliq ta' mammiferi ta' speċi domestika:

Iżda f'dak il-każ m'għandhomx jeċċedu 72 siegħa, sakemm ma jkunx ġustifikat.

(3) Il-miżuri msemmija f'Regola 13 jistgħu jiġu applikati għall-azjenda.

Iżda, jekk il-kundizzjonijiet jippermettu, l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri jistgħu jiġu limitati għat-tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa suspettati li jkunu infettati u l-unitajiet ta' produzzjoni. Għandhom jittieħdu kampjuni mit-tjur jew għasafar oħrajn jekk dawn jinqatlu sabiex ir-riskju ta' tfaqqigħ suspettat ikun jista "jiġi kkonfermat jew eskluż, skond il-manwal dijanjostiku".

(4) Tista' tiġi stabbilita żona temporanja ta' kontroll u għandhom jiġu applikati wħud mill-miżuri jew il-miżuri kollha mniżżla f'Regola 8(2) kif ikun meħtieġ għall-azjendi f'dik iż-żona.

KAPITOLU IV

INFLUWENZA TAT-TJUR PATOĠENIKA ĦAFNA (HPAI)

Sezzjoni 1

Azjendi, unitajiet separati ta' produzzjoni u azjendi ta' kuntatt

Miżuri li għandhom jiġu applikati f'azjendi fejn jiġu kkonfermati tifqigħ.

12. (1) F'każ ta' tifqigħa ta' HPAI , l-awtorità kompetenti għandha tiżgura illi jiġu applikati l-miżuri provduti f'Regola 8(2) u (3) u sub-Regoli 2 sa 10 ta' din ir-Regola.

(2) Għandhom jinqatlu bla dewmien taħt superviżjoni uffiċjali t-tjur u għasafar oħrajn f'gaġġa fuq l-azjenda. Il-qtil għandu jsir b'tali mod illi jiġi evitat ir-riskju ta' tixrid ta' influwenza tat-tjur, b'mod partikolari waqt it-trasport:

Iżda Malta tista' tagħti derogi sabiex ma jinqatlux ċerti speċi ta' tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa, abbażi ta' assessjar tar-riskju ta' aktar tixrid ta' influwenza tat-tjur. L-awtorità kompetenti tista' tieħu l-miżuri xierqa sabiex titrażżan kull tixrid possibbli ta' influwenza tat-tjur għal kull tajr selvaġġ fuq l-azjenda.

(3) Għandhom jintremew taħt superviżjoni uffiċjali l-karkassi u bajd kollha ta' fuq l-azjenda .

(4) Għandhom jitqiegħdu taħt superviżjoni uffiċjali tjur li jkunu diġà faqqsu minn bajd miġbur mill-azjenda waqt il-perjodu bejn id-data probbabbli ta' introduzzjoni ta' HPAI fuq l-azjenda u l-applikazzjoni tal-miżuri msemmija f'Regola 8(2) u għandhom isiru investigazzjonijiet f'konformità mal-manwal dijanjostiku.

(5) Laħam tat-tjur maqtul u bajd li jkun inġabar mill-azjenda waqt il-perjodu bejn id-data probbabbli ta' introduzzjoni ta' HPAI fuq

l-azjenda u l-applikazzjoni tal-miżuri msemmija f'Regola 8(2) għandhom jiġu ntraċċati u mormija taħt superviżjoni uffiċjali.

(6) Għandhom jinqerdu, jew għandu jsirilhom trattament li jiżgura d-distruzzjoni tal-virus ta' l-influenza tat-tjur, is-sustanzi u skart li aktarx li jkunu kontaminati bħal għalf f'konformità ma' l-istruzzjonijiet tal-veterinarju uffiċjali.

(7) Minkejja dan, id-demel, u materjal li fuqu joqogħdu t-tjur li aktarx jiġi kontaminat għandhom jgħaddu minn waħda jew aktar proċeduri mniżżla f'Regola 49.

(8) Wara r-rimi tal-karkassi, il-bini li jintużaw biex jospitawhom, merħliet jew art, it-tagħmir li jiġi kkontaminat u l-vetturi użati sabiex jittrasportaw it-tjur għandhom jgħaddu minn waħda jew aktar proċeduri mniżżla f'Regola 49.

(9) Għasafar oħrajn f'gaġeġ oħrajn jew mammiferi ta' speċi domestika m'għandhomx jidħlu jew iħallu l-azjenda mingħajr l-awtorizazzjoni ta' l-awtorità kompetenti. Ir-restrizzjoni m'għandhiex tapplika għall-mammiferi ta' speċi domestika li għandhom aċċess biss għaż-żoni fejn jgħixu l-bnedmin.

(10) F'każ ta' tifqigħa primarja, il-virus iżolat għandu jkun għall-ħsara għall-proċedura tal-laboratorju f'konformità mal-manwal dijanjostiku sabiex is-sottotip ġenetiku jiġi identifikat. Dak il-virus iżolat għandu jintbgħat lill-laboratorju ta' referenza Komunitarja kif imniżżel f'Regola 52(1) mill-aktar fis possibbli.

Derogi.

13. (1) Malta għandha tfassal regoli dettaljati għall-għoti ta' derogi, kif imniżżel f'Regoli 12(2), 14 u 15 fosthom miżuri u kondizzjonjiet alternattivi u adattati.

(2) Malta għandha tavża immedjatament il-Kummissjoni dwar kull deroga mogħtija f'konformità ma' Regola 14(1) u Regola 15.

(3) Meta tkun ingħatat deroga, kif imniżżel f'Regola 13(1) u 14, il-Kummissjoni għandha tirrevedi immedjatament is-sitwazzjoni ma' Malta u fl-*iStanding Committee* dwar il-Katina ta' l-ikel u Saħħa ta' l-Annimal (il-Kumitat) kemm jista' jkun malajr.

(4) Tenut kont ta' kull deroga li tkun ingħatat, kif imniżżel f'Regola 14(1) u Regola 15, jistgħu jiġu adottati miżuri sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' influwenza tat-tjur f'konformità mal-proċedura memmija f'Regola 65(3).

Derogi rigward ċerti azjendi.

14. (1) L-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi għall-miżuri msemmija f'Regola 12(2) f'każi ta' tifqigħa ta' HPAI f'azjenda mhux kummerċjali, ċirku, *zoo*, ħanut ta' għasafar domestiċi, park ta' annimali selvaġġi, żona ċirkondata fejn tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa jinżammu għal skopijiet xjentifiċi jew skopijiet relatati mal-konservazzjoni ta' speċi f'riskju ta' estinzjoni jew razez uffiċjalment reġistrati ta' tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa:

Iżda tali derogi m'għandhomx jipperikolaw it-trażżin tal-mard.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura illi meta tingħata deroga kif imniżżla f'sub-Regola 1, tjur jew għasafar oħrajn li dwarhom tikkonċerna d-deroga:

(a) jinġiebu f'bini fl-azjenda tagħhom u jinżammu hemmhekk. Meta dan ma jkunx prattiku jew jekk il-benesseri tagħhom jiġi affettwat għandhom jinżammu għalihom f'xi post ieħor fl-istess azjenda b'mod illi ma jkollhomx kuntatt ma' tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa f'azjendi oħra. Għandhom jittieħdu l-passi kollha raġonevoli sabiex jiġi evitat kuntatt ma' għasafar selvaġġi;

(b) ikunu għall-ħsara għal aktar sorveljanza u ttestjar f'konformità mal-manwal dijanjostiku u ma jiġux mċaqilqa sakemm it-testijiet ta' laboratorju jkunu indikaw li m'għandhomx iġibu riskju ta' tixrid ikbar ta' HPAI; u

(ċ) ma jiġux mċaqilqa mill-azjenda ta' l-oriġini tagħhom, ħlief għal tbiċċir jew għal azjenda ieħor:

(i) li jinsab fl-istess Stat Membru, f'konformità ma' l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti; jew

(ii) fi Stat membru ieħor, għall-ħsara għall-ftehim ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni.

(3) L-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi mill-miżuri mniżżla f'Regola 12(5), għal bajd li għandu jintbagħat direttament lejn stabbiliment għall-manifattura ta' prodotti tal-bajd kif imniżżel f'Kapitolu II ta' Sezzjoni X ta' Skeda III għal Regolament KE Numru 853/2004 sabiex jiġu immaniġġjati u trattati skond Kapitolu II ta' Sezzjoni X ta' SKEDA III għal Regola KE Numru 852/2004. Kull awtorizzazzjoni għandha tkun għall-ħsara għall-kundizzjonijiet mniżżla fi Skeda III ta' dawn ir-Regoli.

Miżuri li għandhom jiġu applikati f'każijiet ta' tifqigħa ta' HPAI f'unitajiet separati ta' produzzjoni.

15. F'każi ta' tifqigħ ta' HPAI f'azjenda li jikkonsisti f'unità jew unitajiet separati ta' produzzjoni, l-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi mill-miżuri mniżżla f'Regola 12(2) għal unitajiet ta' produzzjoni li fihom tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa fejn m'hemmx suspett ta' HPAI:

Iżda tali derogi m'għandhomx jipperikolaw it-trażżin talmard.

Tali derogi għandhom jingħataw biss rigward żewġ unitajiet ta' produzzjoni jew aktar meta l-uffiċjal veterinaju, tenut kont l-istruttura, daqs, operazzjoni, tip ta' bini, għalf, għajn ta' ilma, tagħmir, staff u viżitaturi ta' l-azjenda, ikun sodisfatt illi huma għal kollox independenti minn unitajiet ta' produzzjoni oħrajn rigward lokalità u immaniġġjar ta' kuljum tat-tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa miżmuma hemmhekk.

Miżuri li għandhom jiġu applikati f'azjendi tal-kuntatt.

16. (1) Abbażi ta' l-inkjesta epidemoloġika l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi jekk azjenda għandhiex titqies bħala azjenda ta' kuntatt.

L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li jiġu applikati l-miżuri mniżżlin f'Regola 8 (2) għall-azjendi ta' kuntatt sakemm tiġi eskluża l-preżenza ta' HPA1 f'konformità mal-manwal dijanjostiku.

(2) Abbażi ta' l-inkjesta epidemoloġika, l-awtorità kompetenti għandha tapplika l-miżuri mniżżla f'Regola 12 għall-azjendi ta' kuntatt u b'mod partikolari jekk l-azjenda ta' kuntatt ikun jinsab f'żona b'densità qawwija ta' tjur. Il-kriterji ewlenin li għandhom jiġu kkunsidrati għall-applikazzjoni tal-miżuri mniżżla f'Regola 12 f'azjendi ta' kuntatt huma stabbiliti fi Skeda IV.

(3) L- awtorita kompetenti għandha tiżgura li jittieħdu kampjuni minn tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa, fuq kull azjenda fejn tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa meta dawn jinqatlu sabiex il-preżenza ta' HPA1 tkun ikkonfermata jew eskluża f'dawk l-azjendi ta' kuntatt f'konformità mal-manwal dijanjostiku.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura illi, f'kull azjenda fejn jinqatlu u jintremew u tkun sussegwentament ikkonfermata l-influwenza tat-tjur il-bini u kull tagħmir li aktarx li jkun ikkontaminat u l-vetturi li jintużaw sabiex jiġu trasportati t-tjur, għasafar oħra f'gaġġa, karkassi, laħam, għalf, demel, materjal li fuqu joqogħdu t-tjur li aktarx li jkun kontaminat għandhom jgħaddu minn waħda jew aktar millproċeduri mniżżla f'Regola 49.

SEZZJONI 2

Protezzjoni, sorveljanza u żoni aktar ristretti

Twaqqif ta' żoni ta' protezzjoni , sorveljanza u aktar żoni ristretti f'każi ta' tifqigħ ta' HPA1.

17. (1) Immedjatament wara tifqigħa ta' HPAI, l-awtorità kompetenti għandha twaqqaf;

(a) żona ta' protezzjoni b'*radius* ta' għallinqas tliet kilometri madwar l-azjenda, inkluż iż-żona ta' protezzjoni;

(b) żona ta' sorveljanza b'*radius* ta' għallinqas tliet kilometri madwar l-azjenda , inkluż iż-żona ta' protezzjoni;

(2) Jekk it-tifqigħa ta' HPAI tkun ikkonfermata, għasafar oħrajn f'gaġġa f'azjenda mhux kummerċjali, ċirku, *zoo,* ċrieki, *zoos*, ħwienet ta' għasafar domestiċi, park ta' annimali selvaġġi, żona ċirkondata fejn għasafar oħra maqbudin f'gaġġa jinżammu għal skopijiet xjentifiċi jew skopijiet relatati mal-konservazzjoni ta' speċi mhedda jew razez uffiċjalment reġistrati ta' għasafar oħra maqbudin f'gaġġa li ma jkunx fihom tjur, l-awtorità kompetenti tista', wara assessjar ta' riskju, tidderoga sa fejn ikun meħtieġ mid-dispozizjonijet ta' Sezzjonijiet 2 sa 4 rigward l-istabblità ta' żoni protezzjoni u sorveljanza u l-miżuri li għandhom jiġu applikati, sakemm tali derogi ma jipperikolawx il-kontroll tal-mard.

(3) Meta twaqqaf żoni ta' protezzjoni u sorveljanza kif imniżżla f'sub-Regola 1, l-awtorità kompetenti għandha tieħu kont ta' għallinqas il-kriterji li ġejjin:

(a) l-inkjesta epidemoloġika;

(b) is-sitwazzjoni ġeografika, speċjalment konfini naturali;

(ċ) il-lokalità u prossimità ta' l-irzizet u n-numru stmat ta' tjur;

(d) it-tendenzi ta' ċaqliq u l-kummerċ fit-tjur u għasafar oħra maqbudin f'gaġġa;

(e) il-faċiltajiet u staff li jkunu disponibbli sabiex irażżnu kull ċaqliq fiż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza ta' tjur jew għasafar oħra maqbudin f'gaġġa, il-karkassi, demel, materjal li fuqu joqogħdu t-tjur jew skart użat, speċjalment jekk it-tjur jew għasafar oħra li ser jinqatlu u jintremew għandhom jiġu mċaqilqa mill-azjenda ta' oriġini tagħhom.

(4) L-awtorità kompetenti tista' twaqqaf aktar żoni ristretti madwar jew maġenb iż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza, tenut kont tal-kriterji mniżżla f'sub-Regola 3.

(5) Jekk żona ta' protezzjoni, sorveljanza u żona aktar ristretta tkopri t-territorji ta' diversi Stati Membri, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati għandhom jikkollaboraw sabiex jistabbilixxu ż-żona.

Miżuri li għandhom jiġu applikati kemm fiż-żoni ta' protezzjoni kif ukoll ta' sorveljanza.

18. (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li għandhom jiġu applikati dawn il-miżuri li ġejjin fiż-żoni ta' protezzjoni kif ukoll ta' sorveljanza:

(a) isiru arranġamenti illi jippermettu l-intraċċar ta' kull ħaġa li aktarx li xxerred il-virus ta' l-influwenza tat-tjur inklużi tjur, għasafar oħra maqbudin f'gaġġa, laħam, bajd, karkassi, għalf, skart, persuni li kienu f'kuntatt mat-tjur infettat jew għasafar oħrajn maqbudin f'gaġġa jew vetturi li għandhom rabta ma' l-industrija tat-tjur;

(b) is-sidien għandhom ifornu lill-awtorità kompetenti, fuq rikjesta, kull tagħrif relevanti li jikkonċerna lit-tjur jew għasafar oħrajn maqbudin f'gaġġa u bajd li jidħlu jew iħallu l-azjenda.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-passi kollha raġjonevoli sabiex tiżgura li l-persuni kollha fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza li jkunu affettwati mir-restrizzjonijiet ikkonċernati ikunu konxji bis-sħiħ tar-restrizzjonijet li jkunu fis-seħħ. Dik l-informazzjoni tista' titwassal permezz ta' avviżi ta' twissija, riżorsi tal-mezzi ta' xandir bħal l-istampa u televiżjoni u kull mezz ieħor xieraq.

(3) L-awtorità kompetenti tista', fejn ikunu jindikaw infomazzjoni epidemijoloġika jew provi oħra, timplimenta programm ta' eradikazzjoni preventiva li jinkludi tbiċċir jew qtil preventiv ta' tjur jew għasafar oħrajn maqbudin f'gaġġa, f'azjendi u żoni ta' riskju.

(4) Jekk Malta tapplika l-miżuri mniżżla f'sub-regolament 3, għandha tinforma lill-Kummissjoni minnufih, u l-Kummisjoni għandha tirrevedi s-sitwazzjoni f'Malta u fil-Kumitat mill-aktar fis possibli.

SEZZJONI 3

Miżuri li għandhom jiġu applikati fiż-żoni ta' protezzjoni

Ċensiment u żjajjar mill-uffiċjal veterinarju u sorveljanza.

19. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li għandhom jiġu applikati dawn il-miżuri li ġejjin fiż-żoni ta' protezzjoni:

(a) isir kemm jista' jkun malajr ċensiment ta' l-irziezet;

(b) l-irziezet kummerċjali kollha għandhom isirilhom żjara minn uffiċjal veterinarju kemm jista' jkun malajr għal eżami kliniku tat-tjur jew għasafar oħrajn maqbudin f'gaġġa u jekk ikun meħtieġ, il-ġabra ta' kampjuni għal testijiet fil-laboratorju skond il-manwal dijanjostiku; għandu jinżamm *record* ta' dawn iż-żjajjar u s-sejbiet; azjendi mhux kummerċjali għandhom iżuruhom uffiċjal veterianrju qabel it-tneħħija taż-żona ta' protezzjoni;

(ċ) sorveljanza addizjonali tkun implimentata immedjament f'konformità mal-manwal dijanjostiku sabiex jiġi identifikat kull tixrid aktar ta' influwenza tat-tjur fl-azjendi li jinsabu fiż-żona ta' protezzjoni.

Miżuri li għandhom jiġu applikati fiż-żoni ta' protezzjoni.

20. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li għandhom jiġu applikati dawn il-miżuri li ġejjin fiż-żoni ta' protezzjoni:

(a) it-tjur jew għasafar oħrajn maqbudin f'gaġġa kollha jinġiebu f'bini fuq l-azjenda u jinżammu hemm. Meta dan ma jkunx pratttiku, jew jekk il-benesseri tagħhom ikun mhedded għandhom jinżammu għalihom f'xi post ieħor fuq l-istess azjenda b'tali mod illi ma jkollhomx kuntatt ma' tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa fuq azjendi. Għandhom jittieħdu l-passi kollha raġjonevoli sabiex il-kuntatt ma' għasafar selvaġġi jiġi minimizzat kemm jista' jkun;

(b) għandhom jintremew malajr kemm jista' jkun il-karkassi;

(ċ) vetturi u tagħmir li jintuża għat-trasport ta' tjur ħajjin jew għasafar oħrajn f'gaġġa, laħam, għalf, demel u materjal li fuqu joqogħdu t-tjur jew sustanzi oħra li aktarx jiġu kkontaminati, jgħaddu mingħajr dewmien minn waħda jew aktar mill-proċeduri mniżżla f'Regola 49;

(d) il-partijiet kollha tal-vetturi wżati minn staff jew persuni oħra li jidħlu jew joħorġu mill-azjendi u li aktarx kontaminati j, jgħaddu mingħajr dewmien minn waħda jew aktar mill-proċeduri mniżżla f'Regola 49;

(e) l-ebda tjur, għasafar oħrajn f'gaġġa jew mammiferi domestiċi ma jistgħu jidħlu jew johorġu minn azjenda mingħajr l-awtorizazzjoni ta' l- awtorità kompetenti. Din ir-restrizzjoni m'għandhiex tapplika għal mammiferi li għandhom aċċess biss għaż-żoni fejn jgħixu l-bnedmin li fihom:

(i) m'għandu jkun hemm l-ebda kuntatt ma' tjur residenti jew għasafar oħrajn f'gaġġa residenti, u

(ii) m'għandhom ebda aċċess għal ebda gaġġa jew żoni fejn jinżammu tjur residenti jew għasafar oħrajn f'gaġġa residenti;

(f) kull żieda ta' morbidità jew mortalità jew niżla sinifikanti fid-data ta' produzzjoni f'azjendi tiġi rrappurtata immedjatament lill-awtorità kompetenti, li għandha tmexxi investigazzjonijiet xierqa f'konformità mal-manwal dijanjostiku;

(g) kull persuna li tidħol jew toħroġ mill-azjendi tosserva miżuri xierqa ta' bijosigurtà immirati li jipprevjenu it-tixrid ta' l-influwenza tat-tjur;

(h) għandhom jinżammu *records* tal-persuni kollha li jżuru azjendi, ħlief djar residenzjali, sabiex tiġi faċilitata s-sorveljanza u kontroll tal-mard u għandha ssir wara rikjesta mill-awtorità kompetenti. Dawn ir-rekords m'għandhomx jinżammu fejn il-viżitaturi jkunu fi stabbilimenti bħal *zoos* u parks ta' annimali selvaġġi fejn m'għandhomx aċċess għaż-żoni fen jinżammu l-annimali.

Projbizzjoni ta' tneħħija jew tixrid ta' skart użart, demel jew mill-azjendi.

21. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li t-tneħħija ta' skart użart, demel jew mill-azjendi f'żoni ta' protezzjoni għandhom jiġu pprojbiti, sakemm ma jkunux awtorizzat minnha. Madanakollu, iċ-ċaqliq ta' demel jew jista' jiġi awtorizzat minn irziezet taħt miżuri ta' sigurtà għal impjant disinjat għal trattament jew għal ħażna intermedjarja għal trattament sussegwenti sabiex tinqered il-preżenza li tista' tkun hemm ta' viruses ta' influwenza tat-tjur f'konformita ma' Regolament KE 1774/2002 jew b'regoli speċifiċi li jistgħu jiġu adottati bil-proċedura msemmija f'Regola 65(2).

Fieri, swieq jew miġemgħat oħrajn u tiġdid ta' stokk ta' tjur tal-priża.

22. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li fieri, swieq, wirjiet jew miġemgħat oħra ta' tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa jkunu projbiti f'żoni ta' protezzjoni. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li tjur jew għasafar oħrajn għal tiġdid ta' stokk ta' tjur tal-priża m'għandhomx jiġu rilaxxati f'żoni ta' protezzjoni.

Projbizzjoni taċ-ċaqliq u trasport ta' għasafar, bajd, laħam tat-tjur u karkassi.

23. (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura illi fiż-żoni ta' protezzjoni ikun projbit iċ-ċaqliq u trasport minn azjendi għal ġot-toroq, barra toroq tas-servizzi privati ta' l-azjendi ta' tjur, għasafar oħrajn f'gaġġa, tjur lest li jbid, flieles li għandhom jum, bajd u karkassi.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li t-trasport ta' laħam tat-tjur mill-biċċeriji, *cutting plants* u *cold stores* ikun projbit sakemm ma jkunx prodott:

(a) minn tjur li jkun oriġina minn barra ż-żoni ta' protezzjoni u jkun inħażen u trasportat separatament mill-laħam tat-jur minn ġoż-żoni ta' protezzjoni;

jew

(b) f'data li tkun għallinqas 21 jum qabel id-data kkalkulata ta' l-aktar infezzjoni bikjrija fuq azjenda fiż-żona ta' protezzjoni u li minn mindu kien hemm mill-produzzjoni inħażen ġie trasportat separatament mill-laħam prodott wara dik id-data.

(3) Madanakollu, il-projbizzjonijiet f'sub-Regoli 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għal transitu miż-żona ta' protezzjoni fit-toroq mingħajr ħatt jew waqfien.

Derogi għat-trasport dirett ta' tjur għall-qatla mmedjata u ċ-ċaqliq jew trattament ta' laħam tat-tjur.

24. (1) B'deroga minn Regola 23, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport dirett ta' tjur li joriġina minn azjenda fiż-żona ta' protezzjoni għall-qtil immedjat għal biċċerija msemmija għall-ħsarata għall-kundizjonijet li ġejjin:

(a) eżami kliniku tat-tjur fuq l-azjenda ta' l-oriġini ssir mill-uffiċjal veterinarju fi żmien 24 siegħa li tkun ittieħet għall-qatla;

(b) meta jkun adattat, ikunu saru testijiet fil-laboratorju fuq tjur fuq l-azjenda ta' l-oriġini f'konformità mal-manwal dijanjostiku, b'riżultati favorevoli;

(ċ) it-tjur ikun trasportat f'vetturi issiġillati mill-awtorità kompetenti jew taħt is-superviżjoni tagħha;

(d) l-awtorità kompetenti responsabbli għal-biċċerija disenjata tkun informata u taqbel li tirċievi tjur u mbagħad tikkonferma l-qatla lill-awtorità kompetenti tad-dispaċċ;

(e) it-tjur miż-żona ta' protezzjoni jinżammu separat minn tjur oħrajn u jinqatlu separatament jew f'ħinijiet differenti minn tjur oħrajn, preferibbilment fi tmiem ta' ġurnata ta' ħidma; tindif

sussegwenti u diżinfettar għandu jiġi mitmum qabel ma jinqatlu tjur oħrajn;

(f) l-uffiċjal veterinarju għandu jiżgura illi jsir eżami dettaljat fil-biċċerija msemmija meta jaslu t-tjur u wara li jinqatlu;

(g) il-laħam ma jidħolx kummerċ intra-Komunitarju jew internazzjonali u jkollu l-marka tas-saħħa għal laħam frisk skond Skeda II għar-Regolamenti ta' l-2005 dwar is-Saħħa ta' l-Annimali (Produzzjoni, Proċessar, Distribuzzjoni u Introduzzjoni ta' Prodotti għall-Konsum mill-Bniedem), sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor skond il-proċedura msemmija f'Regola 65(3) ta' dawn ir-Regoli;

(h) il-laħam ikun inkiseb, maqtugħ, trasportat u maħżun separatament mill-laħam maħsub għal kummerċ intra-Komunitarju jew internazzjonali, sakemm:

(i) ma jkunx sarlu trattament kif imniżżel fi Skeda II tar-Regoli ta' l-2005 dwar is-Saħħa ta' l-Annimali fil-Produzzjoni, l-Ipproċessar, id-Distribuzzjoni u l-Introduzzjoni ta' Prodotti għall-Konsum mill-Bniedem; jew

(ii) ma jkunx deċiż mod ieħor skond il-proċedura msemmija f'Regola 65(3) ta' dawn ir-Regoli.

(2) B'deroga minn Regola 23, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport dirett ta' tjur li joriġina minn azjenda fiż-żona ta' protezzjoni għall-qtil immedjat għal biċċerija imsemmija u ċ-ċaqliq sussegwenti tal-laħam ġej minn dak it-tur sakemm:

(a) l-awtorità kompetenti responsabbli tal-biċċerija msemmija tkun infurmata taqbel li tirċievi t-tjur u mbagħad tikkonferma l-qatla lill- awtorità kompetenti tad-dispaċċ;

(b) it-tjur miż-żona ta' protezzjoni jinżamm separat minn tjur ieħor u jinqatlu separatament jew f'ħinijiet differenti minn tjur oħrajn;

(ċ) il-laħam tat-tjur prodott jitqatta', trasportat u maħżun separatament minn laħam tat-tjur miksub minn tjur ieħor li joriġina fiż-żona ta' protezzjoni;

(d) jintremew il-prodotti sekondarji.

Derogi għat-trasport dirett ta' flieles li għandhom jum.

25. (1) B'deroga minn Regola 23, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport dirett ta' flieles li għandhom jum, li joriġinaw minn azjendi fiż-żona tal-protezzjoni għal azjenda jew guva ta' dik l-azjenda li jinsab preferibbilment barra ż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza, suġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu trasportati f'vetturi siġillati mill-awtorità kompetenti jew taħt is-supervizjoni tagħha;

(b) jiġu applikati miżuri xierqa ta' bijosigurtà waqt it-trasport u fl-azjenda ta' destinazzjoni;

(ċ) l-azjenda ta' destinazzjoni titqiegħed taħt sorveljanza uffiċjali wara l-wasla tal-flieles li għandhom jum;

(d) jekk jiġu mċaqilqa barra ż-żoni ta'protezzjoni u sorveljanza, it-tjur għandu jibqa' fuq l-azjenda ta' destinazzjoni għal ta' l-inqas 21 jum.

(2) B'deroga minn Regola 23, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport dirett ta' flieles li għandhom jum, li jkunu tfaqqsu minn bajd li joriġinaw minn azjendi barra ż-żoni tal-protezzjoni u sorveljanza, għall kull azjenda ieħor fl-istess Stat Membru, preferibbilment jinsab barra ż-żoni tal-protezzjoni u sorveljanza sakemm il-maqfas ta' dispaċċ tkun tista' tiżgura bil-loġistika u l-kundizzjonijiet iġeniċi tax-xogħol tagħha li ma kien hemm l-ebda kuntatt ma sar bejn dawk il-bajd u kull bajd ta' tfaqqis jew flieles ta' jum ieħor li joriġina minn tjur f'dawk iż-żoni u li għalhekk ikollhom status differenti ta' saħħa.

Derogi għat-trasport dirett ta' tjur li ser ibidu.

26. B'deroga minn Regola 23, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport dirett ta' tjur li ser ibidu għal azjenda jew guva ta' dak l-azjenda preferibbilment fiż-żoni tal-protezzjoni u sorveljanza fejn ma jkunx hemm tjur ieħor, għall-ħsara għall-kundizjonijet li ġejjin:

(a) eżami kliniku tat-tjur u għasafar oħrajn f'gaġġa fl-azjenda ta' oriġini, u partikolarment ta' dawk li se jiġu mċaqilqa ssir mill-uffiċjal veterinarju;

(b) fejn applikabbli, ikunu saru testijiet fil-laboratorju fuq tjur fl-azjenda ta' oriġini f'konformità mal-manwal dijanjostiku b'riżultati favorevoli;

(ċ) it-tjur lest biex ibid jiġi trasportat f'vetturi siġillati mill-awtorità kompetenti jew taħt is-superviżjoni tagħha;

(d) l-azjenda jew guva ta' destinazzjoni titqiegħed taħt sorveljanza uffiċjali wara l-wasla tat-tjur lest biex ibid;

(e) jekk jiġi mċaqlaq barra ż-żoni tal-protezzjoni u sorveljanza, it-tjur għandu jibqa' fl-azjenda ta' destinazzjoni għal ta' l-inqas 21 jum.

Derogi għat-trasport dirett ta' bajd tat-tfaqqis u tal-mejda.

27. (1) B'deroga minn Regola 23, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport dirett ta' bajd tat-tfaqqis jew minn kull azjenda għal maqfas li jinsab fiż-żona tal-protezzjoni u imsemmi mill-awtorità kompetenti , minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-maqfas diżenjat jew, għall-ħsara għal dawn il-kondizzjonijet, minn azjenda li jinsab fiż-żona ta'protezzjoni għal kull maqfas diżenjat:

(a) il-*parent floks* li minnhom ikunu derivati l-bajd ikunu ġew eżaminati f'konformità mal-manwal dijanjostiku u ma jkunx hemm suspett ta' influwenza avjarja fuq dawn l-azjendi;

(b) il-bajd li jfaqqas u l-ippakkettjar tagħhom jiġi diżinfettat qabel id-dispaċċ u jista' jiġi żgurat l-intraċċar lura ta' dawn il-bajd;

(ċ) il-bajd li jfaqqas jiġi trasportat f'vetturi siġillati mill-awtorità kompetenti jew taħt is-superviżjoni tagħha;

(d) jiġu applikati miżuri ta' bijosigurtà fil-maqfas imsemmi f'konformità ma' l-istruzzjonijet ta' l-awtorità kompetenti.

(2) B'deroga minn Regola 23, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport dirett ta' bajd:

(a) għal ċentru ta' imballaġġ imsemmi mill-awtorità kompetenti, sakemm ikunu ippakkjati f'ippakkettjar li jintrema' u li jiġu applikati kull miżura ta' bijosigurtà meħtieġa mill-awtorità kompetenti:

(b) għal stabbiliment għall-manifatturar ta' prodotti ta' bajd kif imniżżel f'Kapitolu II ta' Sezzjoni X ta' Anness III għal Regolament KE Numru 853/2004 sabiex jiġu immaniġġjati u trattati skond Kapitolu II ta' Sezzjoni X ta' Anness III għal Regola KE Numru 852/2004; jew

(ċ) għar-rimi.

28. B'deroga minn Regola 23, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport dirett ta' karkassi sakemm dawn ikunu trasportati sabiex jintremew. Derogi għat-trasport dirett ta' karkassi.

29. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-vetturi u tagħmir użat għat-trasport kif imniżżel f'Regola 24 sa 28 jitnaddfu u jiġu diżinfettati mingħajr dewmien minn waħda jew aktar mill-proċeduri mniżżla f'Regola 49 wara t-trasport. It-tindif u diżinfettar ta' mezzi ta' trasport.

30. (1) Il-miżuri li hemm provdut dwarhom f'din is-Sezzjoni għandhom jinżammu għal mill-inqas 21 ġurnata minn wara d-data meta jitlestew it-tindif u d-diżinfettar preliminari fl-azjenda infettata b' xi waħda jew aktar mill-proċeduri stipulati f'Regola 49 u sakemm l-azjendi li jinstabu fiż-żona tal-protezzjoni ikunu ġew ittestjati f'konformità mal-manwal dijanjostiku. Kemm idumu l-miżuri.

(2) Meta l-miżuri msemmija f'din is-Sezzjoni m'għandhomx jittieħdu iktar, kif imniżżel f'sub-Regola 1 ta' dan ir-Regola, il-miżuri mniżżla f'Regola 31 għandhom japplikaw f'dik li kienet iż-żona ta' protezzjoni, sakemm m'għandhomx jiġu applikati aktar kif imniżżel f'Regola 32.

SEZZJONI 4

31. L- awtorità kompetenti għandha tiżgura li jiġu applikati dawn il-miżuri li ġejjin f'żoni ta' sorveljanza: Miżuri li għandhom jiġu applikati fiż-żoni ta' sorveljanza.

(a) ċensiment ta' l-azjendi kummerċjali kollha tat-tjur kemm jista' jkun malajr;

(b) ikun projbit iċ-ċaqliq ta' tjur, tjur lest sabiex ibid, flieles li għandhom jum, bajd fiż-żona ta' sorveljanza sakemm ma tingħatax awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti li tiżgura li jiġu applikati miżuri xierqa ta' bijosigurtà sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' influenza tat-tjur; din il-projbizzjoni m'għandhiex tgħodd fiż-żona ta' sorveljanza fit-triq mingħjr ħatt jew waqfien;

(ċ) ikun projbit iċ-ċaqliq ta' tjur, tjur lest sabiex ibid , flieles li għandhom jum ,bajd għal azjendi, biċċeriji, ċentri ta' imballaġġ jew stabbiliment tal-produzzjoni ta' bajd barra ż-żona ta' sorveljanza;

Iżda l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport dirett ta':

(i) tjur għall-qatla għal biċċerija imsemmija, għall-iskop ta' qtil immedjat skond Regola 24, sub-inċizi (a) (b) u (d);

L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport dirett ta' tjur minn barra ż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza għall-qtil immedjat għal biċċerija imsemmija fiż-żona sorveljata u ċaqliq sussegwenti tal-laħam li joriġina minn dawk it-tjur:

(ii) tjur lest biex ibid f'azjenda fejn f'hemmx tjur fl-istess Stat Membru; dak l-azjenda għandu jitqiegħed taħt superviżjoni uffiċjali wara l-wasla ta' tjur lest biex ibid u t-tjur lest biex ibid għandu jibqa' fuq l-azjenda tad-destinazzjoni għal ta' l-inqas 21 jum;

(iii) flieles tal-jum;

għal azjenda jew guva ta' tali azjenda fl-istess Stat Membru sakemm jiġu applikati miżuri adatti ta' bijosigurtà u l-azjenda għandu jitqiegħed taħt superviżjoni uffiċjali; wara t-trasport u flieles li għandhom jum għandhom jibqgħu fuq l-azjenda tad-destinazzjoni għal ta' l-inqas 21 jum, jew jekk imfaqqas minn bajd tat-tfaqqis li joriġina minn azjendi tat-tjur barra ż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza għal kull azjenda oħra sakemm il-maqfas ta' dispaċċ tista' tiżgura permezz tal-loġistika u kundizzjonijiet ta' ħidma u bijosigurtà tagħha li ma sar l-ebda kuntatt bejn dawn il-bajd u kull bajd ieħor tat-tfaqqqis jew flieles li għandhom jum li joriġinaw minn tjur f'dawk iż-żoni li għaldaqstant ikunu ta' status differenti ta' saħħa;

(iv) bajd tat-tfaqqqis għal maqfas imsemmi li jinsab barra jew fiż-żona tas-sorveljanza; il-bajd u l-ippakkettjar tagħhom għandhom ikunu diżinfettati qabel id-dispaċċ u għandu jiġi żgurat l-intraċċar lura ta' dawn il-bajd;

(v) bajd tal-mejda għal ċentru msemmi ta' imbalaġġ, sakemm ikunu ippakkjati f'pakketti li jintremew u li jiġu applikati l-miżuri kollha ta' sigurtà meħtieġa mill-awtorità kompetenti;

(vi) bajd għal stabbiliment għall-manifattura ta' prodotti tal-bajd kif imniżżel f'Kapitolu II ta' Sezzjoni X ta' Anness III għal Regola KE Numru 853/2004 sabiex jiġu immaniġġati u trattati skond Kapitolu II ta' Sezzjoni X ta' Skeda III għal Regola KE Numru 852/2004 li tinsab barra jew fiż-żona tas-sorveljanza;

(vii) bajd għar-rimi;

(d) kull persuna li tkun dieħla u ħierġa mill-azjendi fiż-żona tas-sorveljanza tosserva miżuri adatti ta' bijosigurtà immirati għall-prevenzjoni tat-tixrid ta' influwenza tat-tjur;

(e) vetturi li jintużaw sabiex jiġu trasportati t-tjur ħaj, għasafar oħra f'gaġġa, karkassi, laħam, għalf, demel, materjal li fuqu joqogħdu t-tjur li aktarx li jkun kontaminat għandhom jitnaddfu u jiġu diżinfettati mingħajr dewmien wara l-kontaminazzjoni minn waħda jew aktar proċeduri msemmija f'Regola 49;

(f) l-ebda tjur, għasafar oħrajn f'gaġġa, u l-mammiferi kollha ta' speċi domestika ma jistgħu jidħlu jew iħallu azjenda fejn jinżammu u t-tjur mingħajr l-awtorizazzjoni ta' l-awtorità kompetenti. Din ir-restrizzjoni m'għandhiex tapplika għal mammiferi li għandhom aċċess biss għaż-żoni fejn jgħixu l-bnedmin fejn dawn:

(i) m'għandhomx kuntatt ma' tjur residenti u għasafar oħrajn maqbudin f'gaġġa, u

(ii) m'għandhomx aċċess għal gaġeġ jew żoni fejn jinżammu tali tjur residenti u għasafar oħrajn;

(g) kull żieda ta' morbidità jew mortalità jew niżla sinifikanti fid-data ta' produzzjoni f'irziezet tiġi rappurtata immedjatament lil-awtorità kompetenti, li għandha tmexxi investigazzjonijiet xierqa f'konformità mal-manwal dijanjostiku;

(h) it-tneħħija u tixrid ta' skart użat, demel u demel likwidu ikun projbit sakemm ma jkunx awtorizzat mill-awtorità kompetenti; iċ-ċaqliq ta' demel jista' jiġi awtorizzat minn azjenda li jinsab fiż-żona ta' sorveljanza taħt miżuri ta' bijosigurtà għal impjant dežinjat għal trattament għal ħażna intermedjarja għal trattament sussegwent sabiex tiġi distrutta l-presenża possibbli tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur f'konformità ma' Regola (KE) No 1774/2002 jew b'regoli speċifiċi li jistgħu jiġu adottata skond il-proċedura msemmija f'Regola 65 (2);

(i) huma pprojbiti fieri, swieq, wirjiet jew ġemgħat oħra ta' tjur;

(j) ma jiġux rilaxxati tjur għat-tiġdid ta' stokk ta' l-għasafar tal-priża

Iż-żmien li jdumu l-miżuri.

32. Il-miżuri msemmija f'din is-Sezzjoni għandhom jinżammu għal ta' l-inqas 30 jum wara d-data tat-tlestija ta' tindif preliminarju u diżinfettar ta' l-azjenda infettata f'konformità mar- Regola 49.

SEZZJONI 5

Miżuri li għandhom jiġu applikati fiż-żoni aktar ristretti.

33. (1) L-awtorità kompetenti tista' tipprovdi li whud mill-miżuri jew akrar minnhom msemmija f'Sezzjonijiet 3 u 4 għandhom japplikaw fiż-żoni li huma aktar ristretti msemmija f'Regola 17(4) (żoni ristretti).

(2) L-awtorità kompetenti tista', meta dan jiġi indikat minn informazzjoni epidemoloġika jew provi oħrajn, timplimenta programm preventiv ta' eradikazzjoni, inkluż tbiċċir jew qtil preventiv ta' tjur residenti u għasafar oħrajn maqbudin f'gaġġa, f'azjendi u żoni f'riskju, skond il-kriterji ta' Skeda IV, li jinsabu f'żoni aktar ristretti. It-tiġdid ta' l-istokk ta' dawn l-azjendi għandu jsir skond l-istruzzjojniet ta' l-awtorità kompetenti.

(3) Jekk Malta tapplika l-miżuri mniżżla f'sub-Regoli (1) u (2), għandha minnufih tinforma lill-Kummissjoni b'dan.

(4) Il-Kummissjoni għandha tirrevedi immedjatament is-sitwazzjoni ma' Malta u fil-Kumitat mill-aktar fis possibbli.

(5) Bla preġudizzju għad-deċiżjonijiet li għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar infiq fil-qasam veterinarju, jistgħu jiġu adottati aktar miżuri ta' sigurtà u kontroll sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' l-influwenza tat-tjur skond il-proċedura msemmija f'Regola 65 (3).

SEZZJONI 5

Derogi u miżuri addizzjonali ta' bijosigurtà

Derogi.

34. (1) Malta għandha tiddefinixxi l-arranġamenti li permezz tagħhom tista' tagħti derogi pprovduti f'Regoli 17 u 24 sa 28, inklużi miżuri u kondizzjonijiet xierqa alternattivi. Dawn id-derogi għandhom jiġu bażati fuq assessjar ta' riskju li jsir mill-awtorità kompetenti.

(2) Abbażi ta' assessjar ta' riskju, l-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi mill-miżuri msemmija, tagħti derogi mill-miżuri mniżżla f'Sezzjonijet 3 u 4 f'każi ta' konferma ta' HPAI f'maqfas.

(3) L-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi mill-miżuri provduti f'Regola 19 paragrafu (b) u (ċ) Regola 23 , u f'Regola 31,

paragrafi(b) (ċ) u (f) f'każi ta' tifqigħ ta' HPAI f'azjenda mhux kummerċjali, ċirku, *zoo*, ħanut ta' għasafar domestiċi, park ta' annimali selvaġġi, żona ċirkondata fejn tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa jinżammu għal skopijiet xjentifiċi jew skopijiet relatati mal-konservazzjoni ta' speċi f'riskju ta' estinzjoni jew razez uffiċjalment reġistrati ta' tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa.

(4) B'deroga minn Sezzjonijet 3 u 4 u f'każi ta' tifqigħ ta' HPAI, Malta tista', abbażi ta' assessjar ta' riskju tintroduċi riskji speċifiċi fuq ċaqliq ta' ħamiem tal-ġiri fi, minn u ġoż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza.

(5) Id-derogi msemmija f'sub-Regoli 1 sa 4 għandhom jingħataw sakemm tali derogi ma jipperikolawx it-trażżin tal-mard.

(6) Meta Malta tagħti derogi msemmija f'sub-Regola 1 sa 4 għandha immedjatament tinforma lill-Kummissjoni b'dan.

(7) Il-Kummissjoni għandha tirrevedi immedjatament is-sitwazzjoni ma' Malta u fil-Kumitat mill-aktar fis possibbli. Tenut kont ta' kull deroga li tkun ingħatat, kif imsemmi f'sub-Regoli (1) sa (4), jistgħu jiġu adottati miżuri sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' l-influwenza tat-tjur, skond il-proċedura f'Regola 65(3).

(8) It-tjur kollu, inkluż flieles tal-jum, għasafar oħrajn maqbudin f'gaġġa, bajd tat-tfaqqis, skart użat, demel likwidu li joriġinaw minn azjenda li tkun ingħatat deroga skond din ir-regola, ma jistgħux jiġu kummerċjalizzati barra minn Malta sakemmm ma jkunx jiġi deċiż mod ieħor skond il-proċedura f'Regola 65(3).

Miżuri addizjonali ta' bijosigurtà.

35. (1) Sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' l-influwenza tat-tjur, l-awtorità kompetenti tista' flimkien mal-miżuri msemmija f'Sezzjonijiet 3, 4 u 5, tordna l-implimentazzjoni ta' miżuri addizzjonali ta' bijosigurtà f'azjendi fiż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza u fiż-żoni aktar ristretti, kif ukoll f'kompartimenti tat-tjur u ta' għasafar oħrajn f'gaġġa. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu restrizzjonijiet fuq ċaqliq ta' vetturi jew persuni għal forniment ta' għalf, ġbir ta' bajd, it-trasport għal biċċeriji, ġbir ta' karkassi għar-rimi u ċaqliq ieħor ta' persunal, veterinarji jew persuni li jfornu tagħmir għall-azjenda .

(2) Meta Malta tadotta dawn il-miżuri, kif provdut f'sub-Regola 1 għandha immedjatament tinforma lill-Kummissjoni b'dan.

(3) Il-Kummissjoni għandha tirrevedi immedjatament is-sitwazzjoni ma' Malta u fil-Kumitat mill-aktar fis possibbli.

(4) Bla preġudizzju għal deċiżjonijiet li għandhom jiġu adottati skond Deċiżjoni 90/424/KEE, aktar miżuri ta' sorveljanza, biosigurtà u kontroll jistgħu jiġu adottati miżuri sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' l-influwenza tat-tjur, skond il-proċedura f'Regola 65(3).

SEZZJONI 7

Miżuri li għandhom jittieħdu f'każi ta' suspett u konferma ta' influwenza tat-tjur patoġenika ħafna (HPAI) f'ċerti stabbiliment li ma jkunux azjendi u f'mezzi ta' trasport

Investigazzjoni ta' presenża suspettata ta' HPAI f'biċċeriji u f'mezzi ta' trasport.

36. Fejn ikun hemm suspett jew konferma tal-presenża ta' HPAI f'biċċeriji jew mezzi ta' trasport, l-awtorità kompetenti għandha immedjatament tmexxi investigazzjoni fl-azjenda ta' oriġini tat-tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa sabiex tikkonferma jew teskludi l-presenża skond il-manwal dijanjostiku.

Miżuri li għandhom jiġu applikati f'biċċeriji.

37. (1) Fejn l-HPAI tkun suspettata jew ikkonfermata f'biċċerija, l-awtorità għandha tiżgura li, abbażi ta' assessjar ta' riskju, it-tjur kollu preżenti fil-biċċerija għandu jinqatel jew jitbiċċer kemm jista' jkun malajr taħt superviżjoni uffiċjali. Meta dan it-tjur jinqatel, il-laħam tat-tjur u kull prodott sekondarju mit-tjur li seta' ġie kontaminat waqt il-proċess ta' tbiċċir u qtil, għandhom jinżammu separati u taħt superviżjoni uffiċjali sakemm ikunu intemmu l-investigazzjonijiet f'konformità mal-manwal dijanjostiku.

(2) Jekk l-HPAI ikun konfermat, il-laħam tat-tjur u kull prodott sekondarju mit-tjur, li seta' ġie kontaminat waqt il-proċess ta' tbiċċir u produzzjoni, għandhom jintremew kemm jista' jkun malajr taħt superviżjoni uffiċjali.

Miżuri li għandhom jiġu applikati f'postijiet ta' spezzjoni tal-fruntiera jew mezzi ta' trasport.

38. (1) Meta HPAI tiġi suspettata jew konfermata f'postijiet ta' spezzjoni tal-fruntiera jew mezzi ta' trasport l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li, abbażi ta' assessjar ta' riskju it-tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa u tinżamm taħt superviżjoni uffiċjali ikunu intemmu l-investigazzjonijiet f'konformità mal-manwal dijanjostiku. L-awtorità kompetenti għandha tapplika l-miżuri msemmija f'Regola 8 jekk applikabbli. L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza ċaqliq ta' tjur u ta' għasafar oħrajn f'gaġġa, għal post ieħor fejn dawn jitbiċċru jew jinqatlu u jiġu iżolati. L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li ma jinqatlux u ma jitbiċċrux dawk it-tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa li jinsabu fil-post ta' spezzjoni tal-fruntiera li ma jkunux f'kuntatt mat-tjur jew għasafar oħrajn li jkunu suspettati li ġew infettati.

(2) Meta t-tjur imsemmi f'sub-Regola (1), jinqatel, il-laħam tat-tjur u kull prodott sekondarju tat-tjur derivat minn dawk it-tjur u

laħam tat-tjur u prodotti sekondarji ta' kull laħam ieħor li seta' ġie kontaminat waqt il-proċess ta' tbiċċir u produzzjoni għandhom jintremew kemm jista' jkun malajr taħt superviżjoni uffiċjali

Miżuri addizzjonali li għandhom jiġu applikati f'postijiet ta' spezzjoni tal-fruntiera f'biċċeriji u f'mezzi ta' trasport.

39. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li jiġu applikati dawn il-miżuri adddizjonali li ġejjin meta HPAI tiġi suspettata jew konfermata f'biċċerija, postijiet ta' spezzjoni tal-fruntiera jew mezzi ta' trasport:

(a) l-ebda tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa m'għandhomx jiġu introdotti fil-biċċerija, f'postijiet ta' spezzjoni tal-fruntiera jew fil-mezz ta' trasport sa għallinqas 24 siegħa wara t-tindif u diżinfettar kif imniżżel fil-paragrafu (b) ikun kompletat minn waħda jew aktar mill-proċeduri mniżżla f'Regola 49; f'każ ta' postijiet ta' spezzjoni tal-fruntiera, l-projbizzjoni fuq l-introduzzjoni tista' tiġi estiża għal annimali oħra;

(b) it-tindif u diżinfettar ta' bini, tagħmir u vetturi kontaminati, issir skond waħda mill-proċeduri jew aktar mniżżla f'Regola 49 u taħt superviżjoni uffiċjali ta' l-uffiċjal veterinarju;

(ċ) Issir inkjesta epidemoloġika;

(d) Jiġu applikati l-miżuri mniżżla f'Regola 8(2) fl-azjenda ta' oriġini tat-tjur jew karkassi infettati u f'azjenda ta' kuntatt;

(e) Sakemm mhux indikat mod ieħor mill-inkjesta epidemoloġika u l-investigazzjonjiet kif imniżżla f'Regola 36, jiġu applikati l-miżuri mniżżla f'Regola 12 fl-azjenda ta' oriġini;

(f) Il-virus iżolat ta' l-influwenza tat-tjur ikun għall-ħsara għall-proċedura tal-laboratorju sabiex jiġi identifikat is-sottotip tal-virus f'konformità mal-manwal dijanjostiku.

KAPITOLU V

INFLUWENZA TAT-TJUR B'PATOĠENIITA BAXXA (LPAI)

SEZZJONI I

Miżuri li għandhom jiġu applikati f'azjendi fejn jiġu konfermati t-tifqigħ

Miżuri li għandhom jiġu applikati.

40. (1) F'każ ta' tifqigħ ta' LPAI, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li jiġu applikati l-miżuri msemmija f'paragrafi (a), (b), (e), (g) u (h) ta' Regola 8(2), Regola 8(3) u sub-Regoli (2) sa (5) ta' din

ir-Regola abbażi ta' assessjar ta' riskju u tenut kont ta' għall-inqas il-kriterji mniżżla fi Skeda V.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li t-tjur kollu fuq l-azjenda u t-tjur kollu maqbud f'gaġġa ta' l-ispeċi li fih tkun ġiet ikkonfermata l-LPAI jiġu depopulati taħt superviżjoni uffiċjali b'mod li jiġi evitat it-tixrid ta' influwenza tat-tjur. Id-depopulazzjoni tista' tiġi estiża għal għasafar oħra maqbud f'gaġġa fuq l-azjenda abbażi ta' l-assessjar'ta' riskju li jistgħu jġibu rigward aktar tixrid ta' influwenza tat-tjur għal irziezet oħra li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala azjendi ta' kuntatt, abbażi fuq l-inkjesta epidemoloġika. Qabel id-depopulazzjoni ebda tjur jew għasafar oħra maqbudin f'gaġġa m'għandhom jidħlu jew iħallu l-azjenda, sakemm ma jkunx awtorizzat mill-awtorità kompetenti.

(3) Għall-finijiet ta' sub-Regola 2, id-depopolazzjoni għandha ssir skond ir-Regoli ta' l-2003 dwar il-Qatla ta' l-Annimali u l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi li tjur jew għasafar oħra maqbudin f'gaġġa.

(a) jinqatlu kemm jista' jkun malajr, jew

(b) jinqatlu f'biċċerija msemmija skond is-sub-Regola 4.

Meta d-depopolazzjoni ssir permezz ta' qatla f'biċċerja imsemmija, it-tjur għandu jkun sottopost għal aktar sorveljanza u ttestjar. It-tjur m'għandux jiġi mċaqlaq mill-azjenda sakemm l-awtorità kompetenti, li tieħu in konsiderazzjoni, b'mod partikolari, ta' l-investigazzjonijet u testijet ta' laboratorju intiżi li jiddeterminaw l-ammont ta' kull ħmieġ tal-virus mit-tjur li sseħħ skond il-manwal dijanjostiku u assessjar ta' riskju, tkun sodisfatta illi r-riskju ta' aktar tixrid ta' LPAI jkun minimu.

(4) Qtil f'biċċerija msemmija skond sub-Regola (3) jista' jsir biss jekk:

(a) it-tjur jintbagħat direttament mill-azjenda għal-biċċerija imsemmija;

(b) kull kunsinna tiġi siġillata qabel id-dispaċċ mill-uffiċjal veterinarju responsabbli għall-azjenda jew taħt is-superviżjoni tiegħu;

(ċ) kull kunsinna tibqa' ssiġillata waqt it-trasport għall-biċċerija msemmija;

(d) miżuri ulterjuri ta' bijosigurtà maħruġa mill-awtorità kompetenti jiġu obduti;

(e) tkun informata l-awtorità kompetenti responsabbli għall-biċċerija msemmija u taqbel li tieħu t-tjur;

(f) vetturi u tagħmir użat għat-trasport ta' tjur ħaj u kull materjal jew sustanzi li aktarx jistgħu jiġu kontaminati jitnaddfu u jiġu diżinfettati bla dewmien wara l-kontaminazzzjoni b'waħda mill-proċeduri jew aktar mniżżla f'regola 4, u

(g) jintremew l-prodotti sekondarji ta' tali tjur fil-biċċerija.

(5) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura illi dawn li ġejjin għandhom jintremew taħt superviżjoni uffiċjali;

(a) karkassi, u

(b) bajd li jfaqqas fuq l-azjenda.

(6) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li jittieħdu l-miżuri li ġejijn:

(a) bajd tat-tfaqqis miġbura mill-azjenda waqt iż-żmien ta' bejn l-introduzzjoni probabbli ta' LPAI fl-azjenda u t-teħid tal-miżuri mniżżla f'dawn ir-Regoli jkunu fejn possibbli intraċċati u mfaqqsa taħt sorveljanza uffiċjali;

(b) tjur li jkun digà mfaqqas minn bajd miġbur mill-azjenda waqt iż-żmien ta' bejn l-introduzzjoni probabbli ta' LPAI fl-azjenda u t-teħid tal-miżuri mniżżla f'dawn ir-Regoli jitpoġġew fejn possibbli taħt sorveljanza uffiċjali u jsiru investigazzjonijiet skond il-manwal dijanjostiku;

(ċ) bajd preżenti fuq l-azjenda u prodotti u li ġew prodotti ulterjorment fuq l-azjenda qabel id-depopolazzjoni skond kif imniżżel f'sub-Regola (2), jiġu trasportati sakemm jiġi minimizzat ir-riskju tat-tixridta' l-LPAI:

(i) għal ċentru ta' l-imballaġġ imsemmi mill-awtorità kompetenti, sakemm dawn jiġu ppakkjati f'pakketti li jintremew u jiġu applikati l- miżuri kollha ta' bijosigurtà meħtieġa mill-awtorità kompetenti;

(ii) għal stabbiliment għall-manifattura ta' prodotti tal-bajd kif imniżżel f'Kapitolu II ta' Skeda III għal Regolament

(KE) Nru 853/2004 sabiex ikun immaniġġjat u trattat skond Kapitolu XI ta' Skeda II għal Regola (KE) Nru 852/2004; jew

(iii) għar-rimi.

(d) kull materjal jew sustanza li aktarx tkun kontaminata għandhom jew jiġu trattati skond l-istruzzjonijiet ta' l-uffiċjal veterinarju jew jintremew;

(e) demel, demel likwidu u materjal li fuqhom joqogħdu t-tjur li aktarx ikun kontaminat jgħaddu minn waħda jew aktar proċeduri mniżżla f'Regola 49;

(f) wara d-depopolazzjoni, il-bini użat sabiex jinżammu t-tjur, għasafar oħra maqbud f'gaġġa, it-tagħmir li aktarx ikun kontaminat u l-vetturi użati għal trasport tal-karkassi, għalf, demel, demel likwidu u materjal li fuqhom joqogħdu t-tjur u kull materjal ieħor li aktarx ikun kontaminat għandhom bla dewmien jgħaddu minn waħda jew aktar proċeduri mniżżla f'Regola 49;

(g) mammiferi ta' speċi domestika m'għandhomx jidħlu jew iħallu l-azjenda mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' l-awtorità kompetenti. Din ir-restrizzjoni ma tapplikax għal mammiferi illi għandhom aċċess biss għaż-żoni fejn jgħixu l-bnedmin li fihom huma:

(i) ma jkollhomx kuntatt ma' tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa; u

(ii) ma jkollhom ebda aċċess għal gaġeġ jew żoni fejn jinżammu dawn it- tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa;

(h) fil-każ ta' tfaqqigħa primarja ta' LPAI, il-virus iżolat jiġi għall-ħsara għal testijiet ta' laboratorju sabiex jiġi identifikat is-sottotip ta' virus skond il-manwal dijanjostiku; il-virus iżolat għandu jiġi sottomess għall-laboratorju ta' referenza tal-komunità skond Regola 52(1), mill-aktar fis possibbli.

(7) Meta Malta tapplika l-miżuri msemmija (2), (4) u (5) għandha tinforma lill-Kummissjoni minnufih.

Derogi għal ċerti azjendi.

41. (1) L-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi mill-miżuri msemmija f'regolament 40(2) u sub-inċiz (b) ta' Regola 40(5) f'każi ta' tifqigħa ta' LPAI f'azjenda mhux kummerċjali, ċirku, *zoo*, ħanut ta' għasafar domestiċi, park naturali, żona ċirkondata fejn tjur jew għasafar

oħrajn f'gaġġa jinżammu għal skopijiet xjentifiċi jew skopijiet relatati mal-konservazzjoni ta' speċi f'riskju ta' estinzjoni jew razez uffiċjalment reġistrati ta' tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa, sakemm dawn id-derogi ma jipperikolawx it-trażżin tal-mard.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li meta tingħata deroga, kif imniżżel minn sub-Regola (1), it-tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa konċernati mid-deroga:

(a) jingiebu f'bini fl-azjenda u jinżammu hemm. Meta dan ma jkunx prattiku jew jekk il-benessri tagħhom jiġi affettwat għandhom jinżammu għalihom f'xi post ieħor fl-istess azjenda b'mod illi ma jkollhomx kuntatt ma' tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa f'azjendi oħra. Għandhom jittieħdu l-passi kollha raġonevoli sabiex jiġi evitat kuntatt ma' għasafar selvaġġi;

(b) jiġu għall-ħsara għal aktar sorveljanza u ttestjar skond il-manwal dijanjositku u ma jiġux mċaqilqa sakemm it-testijiet tal-laboratorju ikunu ndikati li m'għadx għandhom riskju sinifikanti ta' aktar tixrid ta' LPAI; u

(ċ) ma jiġux mċaqilqa mill-azjenda ta' oriġini tagħhom, ħlief għal qtil jew għal azjenda ieħor, li jkun:

(i) jinsab fl-istess Stat Membru, skond l-istruzzjonijet ta' l-awtorità kompetenti;

(ii) fi Stat Membru ieħor, għall-ħsara għall-ftehim ta' l-Istat Membru ta'destinazzjoni.

(3) L-awtorità kompetenti tista', f'każi ta' tifqigħ ta' LPAI fl-imqafes , bbażati fuq assessjar ta' riskju, tagħti derogi minn waħda jew iktar mill-miżuri msemmija f'Regola 39.

(4) Malta għandha tfassal regoli dettaljati biex tapplika d-derogi msemmija f'sub-Regoli (1) u (3).

(5) Malta għandha minnufih tgħarraf lill-Kummissjoni b'kull deroga mogħtija skond ir-regoli (1) u (3).

(6) Il-Kummissjoni għandha tirrevedi s-sitwazzjoni ma' Malta u l-Kumitat malajr kemm jista' jkun.

(7) Tenut kont ta' kull deroga mogħtija, kif imsemmi f'sub-Regola (1), jistgħu jiġu adottati miżuri sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' influwenza tat-tjur skond il-proċedura msemmija f'Regola 65(3).

SEZZJONI 2

Unitajiet separati ta' produzzjoni u azjendi ta' kuntatt.

42. (1) Miżuri li għandhom jiġu applikati f'każi ta' tfaqqigħ ta' LPAI f'unitajiet separati ta' produzzjoni, l-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi mill-miżuri msemmija f'Regola 39(2), għal unitajiet ta' produzzjoni li jkun fihom tjur b'saħħithom sakemm dawn id-derogi ma jipperikolawx it-trażżin tal-mard .

(2) Malta għandha tfassal regoli dettaljati biex tapplika d-derogi msemmija f'sub-Regoli (1), tenut kont tal-garanziji tas-saħħa ta' l-annimali li jistgħu jinkisbu u għandha tipprovdi għal miżuri alternattivi xierqa.

(3) Malta għandha tinforma immedjatament lill-Kummissjoni rigward kull deroga mogħtija skond is-sub-Regola (1).

(4) Il-Kummissjoni għandha tirrevedi s-sitwazzjoni ma' Malta u l-Kumitat malajr kemm jista' jkun.

(5) Tenut kont ta' kull deroga mogħtija, kif imsemmi f'sub-Regola (1), jistgħu jiġu adottati miżuri sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' influwenza tat-tjur skond il-proċedura msemmija f'Regola 64(3).

Miżuri li għandhom jiġu applikati f'azjendi ta' kuntatt.

43. (1) Abbażi ta' l-inkjesta epidemoloġika, l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi jekk azjenda għandux jiġi kkunsidrat bħala azjenda ta' kuntatt. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-miżuri msemmija f'Regola 8(2) jiġu applikati għall-azjendi ta' kuntatt sakemm tkun ġiet eskluża l-presenża ta' LPAI skond il-manwal dijanjostiku.

(2) Abbażi ta' l-inkjesta epidemoloġika, l-awtorità kompetenti tista' tapplika l-miżuri msemmija f'Regola 40 għal azjendi ta' kuntatt u b'mod partikolari jekk l-azjenda ta' kuntatt tkun tinstab f'żona ta' densità qawwija ta' tjur. Il-kriterji ewlenin li għandhom jiġu kkunsidrati għall-applikazzjoni ta' miżuri msemmija f'Regola 40 f'irzizet ta' kuntatt huma mniżżla fi Skeda IV.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li jittieħdu kampjuni mit-tjur fejn dawn ikunu nqatlu sabiex tiġi konfermata jew eskluża l-presenża ta' l-LPAI virus f'dawk l-azjendi ta' kuntatt skond il-manwal dijanjostiku.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li, fuq kull azjenda fejn tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa jinqatlu u jintremew, u sussegwentement tiġi konfermata l-LPAI, il-bini u kull guva użata biex takkomodahom, btieħi ta' l-azjendi u kull tagħmir li aktarx ikun

kontaminat u l-vetturi użati għat-trasport tat-tjur, għasafar oħrajn f'gaġġa, karkassi, laħam, għalf, demel, demel likwidu, materjal li fuqu joqogħdu t-tjur, u kull materjal jew sustanza oħra li aktarx li jkunu kontaminati għandhom jgħaddu minn waħda jew aktar mill-proċeduri mniżżla f'Regola 49.

SEZZJONI 3

Twaqqif ta' żoni risretti

Twaqqif ta' żoni risretti f'każi ta' tfaqqigħ ta' LPAI.

44. L-awtorità kompetenti għandha twaqqaf, immedjament wara tifqigħa ta' LPAI, żona ristretta b'*radius* ta' għall-inqas kilometru madwar l-azjenda.

Miżuri li għandhom jiġu applikati fiż-żona ristretta.

45. (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura illi jiġu applikati l-miżuri li ġejjin fiż-żona ristretta:

(a) isir ċensiment tal-bini kollu kummerċjali kemm jista' jkun malajr;

(b) isiru testijiet tal-laboratorju fuq azjendi kummerċjali tat-tjur b'*radius* ta' għall-inqas kilometru skond il-manwal dijanjostiku;

(ċ) iċ-ċaqliq kollu ta' tjur, għasafar oħrajn f'gaġġa, tjur li se jbidu, flieles tal-jum u bajd fiż-żona ristretta ikunu soġġetti għall-awtorizzazzjoni u miżuri oħra ta' kontroll li l-awtorità kompetenti jidhrilha xierqa; din ir-restrizzjoni m'għandhiex tapplika għat-tranżitu miż-żona ristretta fit-triq mingħajr ħatt jew waqfien;

(d) jiġi projbit iċ-ċaqliq kollu ta' tjur, għasafar oħrajn f'gaġġa, tjur li se jbidu, flieles tal-jum u bajd fiż-żona ristretta sakemm l-awtorità kompetenti ma tawtorizzax it-trasport direttt ta':

(i) tjur għall-qatla għal biċċerija fl-istess Stat Membru;

(ii) tjur ħaj għal azjenda jew guva fl-istess Stat Membru fejn m'hemmx tjur ieħor. It-tjur għandu jibqa' hemm għal 21 jum u l-azjenda għandu jitqiegħed taħt sorveljanza uffiċjali wara l-wasla tagħhom;

(iii) flieles tal-jum: għal azjenda jew guva ta' tali azjenda fl-istess Stat Membru fejn m'hemmx tjur ieħor. It-tjur għandu jibqa' hemm għal 21 jum u l-azjenda għandu

jitqiegħed taħt sorveljanza uffiċjali wara l-wasla tagħhom; jew:

jekk jitfaqqsu minn bajd li joriġina minn azjendi tat-tjur li jinsabu barra ż-żona ristretta għal azjenda ieħor sakemm il-maqfas tkun tista' tiżgura. Bil-kunsizzjonijiet tagħha ta' loġistika u bijosigurtà illi jiġi eskluż kull kuntatt mal-bajd ta' tfaqqis jew flieles tal-jum li joriġinaw minn tjur miż-żona risretta u li huna għalhekk ta' status ta' saħħa differenti;

(iv) għandhom jiġu diżinfettati l-bajd tat-tfaqqis għall-maqfas imsemmi l-bajd u l-imballaġġ tagħhom qabel id-dispaċċ tagħhom u għandu jiġi żgurat l-intraċċar lura ta' dawn il-bajd;

(v) bajd għal stabbiliment għall-manifatturar ta' prodotti tal-bajd kif imniżżel f'Kapitolu II ta' Sezzjoni X ta' Anness III għal Regola KE Numru 853/2004 sabiex jiġu maniġġjati u trattati skond Kapitolu XII ta' Anness III għal Regola KE Numru 852/2004 li jinsab ġewwa jew barra ż-żona ristretta;

(vi) bajd għar-rimi;

(e) għandhom jintremew il-karkassi;

(f) kull persuna li tidħol jew toħroġ mill-azjendi fiż-żona ristretta tosserva miżuri xierqa ta' bijosigurtà immirati lejn il-prevenzjoni tat-tixrid ta' l-influwenza tat-tjur;

(g) vetturi li jintużaw sabiex jiġu trasportati t-tjur, għasafar oħra f'gaġġa, karkassi, laħam, għalf, demel, materjal li fuqu joqogħdu t-tjur li aktarx li jkun kontaminat jiġu mnaddfa u diżinfettati bla dewmien wara l-kontaminazzjoni minn waħda jew aktar mill-proċeduri mniżżla f'Regola 49;

(h) l-ebda tjur, għasafar oħrajn f'gaġġa jew mammiferi ma jistgħu jidħlu jew joħrorġu mingħajr awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti. Ir-restrizzjoni m'għandhiex tapplika għall-mammiferi ta' speċi domestika li għandhom aċċess biss għaż-żoni fejn jgħixu l-bnedmin li fihom:

(i) m'għandhomx kuntatt ma' tjur jew għasafar oħra f'gaġġa residenti, u

(ii) m'għandhomx aċċess għal ebda gaġġa jew żoni fejn jinżammu tjur jew għasafar oħra f'gaġġa residenti;

(i) ikun projbit it-tneħħija jew tixrid ta' skart użat, demel jew demel likwidu, sakemm ma jkunx awtorizzat mill-awtorità kompetenti; iċ-ċaqliq ta' demel jew demel likwidu jista' jiġi awtorizzat minn azjenda li jinsab fiż-żona ristretta taħt miżuri ta' bijosigurtà għal impjant dożinjat għal trattament jew għal ħażna intermedjarja għal trattament sussegwenti sabiex tinqered il-preżenza possibbli ta' kull virus ta' influwenza skond Regola (KE) Nru. 1774/2002 jew skond regoli speċifiċi illi jistgħu jiġu adottati f'konformità mal-proċedura imsemija f'Regola 65(2);

(j) huma projbiti fieri, swieq, wirjiet jew miġemgħat oħra ta' tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa, sakemm ma jkunux awtorizzat mill-awtorità kompetenti;

(k) ma jiġux rilaxxati tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa għat-tiġdid ta' stokk.

(2) L-awtorità kompetenti tista', abbażi ta' assessjar ta' riskju, tintroduċi aktar miżuri flimkien mal-miżuri msemmija f'din is-sezzjoni u tinforma l-Kummissjoni.

(3) Jistgħu jiġu adottati aktar miżuri sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' l-influwenza tat-tjur f'konformità mal-proċedura imsemmija f'Regola 64(3);

Tul taż-żmien tal-miżuri.

46. Għandhom jinżammu l-miżuri msemmija f'dis-Sezzjoni:

(a) għal ta' l-inqas 21 jum wara d-data ta' tlestija ta' tindif u diżinfettar preliminari waħda jew aktar mill-proċeduri f'regolament 49 u sakemm l-awtorità kompetenti, abbażi ta' l-investigazzjonijiet u testijiet tal-laboratorji li jkunu twettqu fiż-żona ristretta f'konformità mal- manwal dijanjostiku u assessjar ta' riskju, ikunu tal-fehma li r-riskju ta' tixrid ta' LPAI ikun negliġibbli;

(b) għal ta' l-inqas 42 jum wara d-data ta' konferma ta' tifqigħa u sakemm l-awtorità kompetenti, abbażi ta' l-investigazzjonijiet u testijiet tal-laboratorji li jkunu twettqu fiż-żona ristretta f'konformità mal- manwal dijanjostiku u assessjar ta' riskju;

(ċ) għal kull perjodu ta' żmien ieħor u taħt kundizzjoni li għandhom ikunu stabbiliti skond il-proċedura msemmija f'Regola 65(3).

Derogi.

47. (1) Meta tkun ikkonfermata l-LPAI f'maqfas**,** l-awtorità kompetenti tista' abbażi ta' assessjar ta' riskju, tidderoga minn waħda mill-miżuri jew aktar msemmija f'Regola 44 u 45.

(2) L-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi mill-miżuri msemija f'din is-Sezzjoni f'azjenda mhux kummerċjali, ċirku, *zoo*, ċrieki, *zoos*, ħwienet ta' għasafar domestiċi, park ta' annimali selvaġġi, żona ċirkondata fejn għasafar oħra maqbudin f'gaġġa jinżammu għal skopijiet xjentifiċi jew skopijiet relatati mal-konservazzjoni ta' speċi mhedda jew razez uffiċjalment reġistrati ta' tjur jew għasafar oħra maqbudin f'gaġġa li ma jkunx fihom tjur, sakemm tali derogi ma jipperikolawx il-kontroll tal-mard.

(3) Fl-għoti ta' dawn id-derogi f'sub-Regola 3, Malta għandha tinforma lill-Kummissjoni minnufih.

(4) Il-Kummisjoni għandha tirrevedi sitwazzjoni f'Malta u fil-Kumitat mill-aktar fis possibbli.

(5) Tenut kont ta' kull deroga li tkun ingħatat, kif imniżżel f'Regola (1) u (2), jistgħu jiġu adottati miżuri sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' influwenza tat-tjur f'konformità mal-proċedura msemmija f'Regola 65(3).

Kapitolu VI

MIŻURI IMMIRATI SABIEX JIĠI EVITAT IT-TIXRID TAL-VIRUS TA' L-INFLUWENZA TA' ORIĠINI AVJARJA GĦAL SPEĊI OĦRAJN

Testijiet tal-laboratorju u miżuri oħrajn li jirrigwardaw majjali u speċi oħra.

48. (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li wara l-konferma ta' influwenza it-tjur fuq kull azjenda, għandhom isiru testijiet adatti tal-labotorju skond il-manwal dijanjostiku, isiru fuq kull majjal li hemm fl-azjenda sabiex jiġi konfermat jew eskluż li dawk il-majjali huma, jew kienu ġew infettati bil-virus ta' l-influwenza tat-tjur. Waqt l-istennija tar-riżultati tat-*tests*, l-ebda majjal m'għandu jiġi mċaqlaq mill-azjenda.

(2) Meta testijiet tal-laboratorju msemmija f'sub-Regola (1) jikkonfermaw sejbiet posittivi tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur fil-majjali, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza għal azjendi tal-majjali

jew biċċeriji oħra dežinjati, sakemm testijiet sussegwenti oħrajn adatti ikunu wrew illi r-riskju ta' tixrid ta' LPAI ikun negliġibbli.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li meta testijiet tal-laboratorju msemmija f'sub-Regola 1 jikkonfermaw theddida serja ta' saħħa, għandhom jinqatlu mill-aktar fis possibbli taħt superviżjoni uffiċjali u b'tali mod li jiġi evitat it-tixrid tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur b'mod partikolari waqt it-trasport, u f'konformita mar-Regoli ta' l-2003 dwar il-Qtil ta' l-Annimali.

(4) L-awtorità kompetenti tista', wara li jkun hemm konferma ta' influwenza tat-tjur fuq kull azjenda u abbażi ta' assessjar ta' riskju, tapplika l-miżuri msemmija f'sub-Regola 1, 2 u 3 għal kull mammiferu ieħor li jkun jinsab fl-azjenda u tista' testendi dawk il-miżuri għal azjendi ta' kuntatt.

(5) Malta għandha tinforma l-Kummissjoni fil-qafas ta' Kumitat dwar ir-riżultati tat-testijiet u l-miżuri applikati skond is-subregoli 1 sa 4.

(6) L-awtorità kompetenti tista', wara li jkun hemm konferma ta' influwenza tat-tjur fil-majjali jew kull mammiferu ieħor fuq kull azjenda u abbażi ta' assessjar ta' riskju, twettaq is-sorveljanza skond il-manwal dijanjostiku sabiex ikun identifikat kull tixrid ulterjuri tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur.

(7) Jistgħu jiġu adottati miżuri addizzjonali sabiex jiġi evitat it-tixrid tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur għal speċi oħrajn f'konformità mal-proċedura msemmija f'Regola 65(3).

KAPITOLU VII

TINDIF, DIŻINFETTAR U RE-POPOLAZZJONI

Tindif, diżinfettar u proċeduri għall-eliminazzjoni tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur.

49. Malta għandha tiżgura illi:

(a) it-tindif, diżinfettar u trattament ta' rziezet u kull materjal jew sostanzi li jkun hemm fihom li jistgħu jkunu kontaminati jew aktarx ikunu kontaminati b'viruses ta' l-influwenza tat-tjur għandu jitwettaq taħt superviżjoni uffiċjali f'konformità ma':

(i) l-istruzzjonijiet ta' l-uffiċjal veterinarju; u

(ii) il-prinċipji u proċeduri għat-tindif, diżinfettar u trattament kif imniżżel fi Skeda VI;

(b) l-ebda art jew egħlieqi użat mit-tjur jew għasafar f'gaġġa f'azjenda fejn ġiet konfermata l-influwenza tat-tjur m'għandu jintuża minn tjur jew għasafar f'gaġġa sakemmm l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta illi kull virus ta' influwenza tat-tjur li jkun preżenti jiġi eliminat jew inattivat;

(ċ) it-tindif, diżinfettar u trattament ta' biċċeriji, vetturi, *trailers* jew kull xort' oħra ta' trasport , punti ta' spezzjoni fil-fruntiera u kull materjal jew sustanzi li hemm li huma kontaminati jew aktarx ikunu kontaminati bil-viruses ta' l-influwenza tat-tjur jitwettqu taħt superviżjoni uffiċjali bl-istruzzjonijiet ta' l-uffiċjal veterinarju;

(d) kull tagħmir, materjal jew sustanzi li jkunu kontaminati jew aktarx ikunu kontaminati bil-viruses ta' l-influwenza tat-tjur u li effettivament ma jistgħux jitnaddfu u diżinfettati jew trattati u meqruda;

(e) id-diżinfettanti u l-konċentrati tagħhom ikunu awtorizzati mill-awtorità kompetenti.

Re-populazzjoni ta' azjendi.

50. (1) Malta għandha tiżgura illi jkun hemm konformità mas-subregoli 2 sa 6 ta' dan ir-Regola wara l-applikazzjoni tal-miżuri msemmija f'Regoli 12 u 40.

(2) M'għandhiex isseħħ ir-re-popolazzjoni ta' rziezet ta' tjur kummerċjali għal perjodu ta' 21 jum wara d-data tat-tlestija tat-tindif u diżinfettar finali kif imniżżel f'Regola 49.

(3) Għandhom jitwettqu l-miżuri li ġejjin għal perjodu ta' 21 jum wara d-data tar re-popolazzjoni ta' l-azjendi tat-tjur kummerċjali:

(a) it-tjur jgħaddu minn ta' l-inqas eżami wieħed kliniku wieħed mwettaq mill-veterinarju uffiċjali. Dak l-eżami kliniku, jew jekk aktar minn wieħed isir, l-eżami kliniku finali, isir kemm jista' jkun qrib it-tmiem tal-perjodu ta' 21 jum imsemmi qabel;

(b) isiru testijiet tal-laboratorju f'konformità mal-manwal dijanjostiku ;

(ċ) jiġi ttestjat it-tjur li jmut waqt il-fażi tar-ripopolazzjoni f'konformità mal-manwal dijanjostiku;

(d) kull persuna li tidħol jew toħroġ mill-irziezet tosserva miżuri xierqa ta' bijosigurtà immirati li jipprevjenu t-tixrid ta' l-influwenza tat-tjur;

(e) is-sid għandu jżomm rekord dwar id-data tal-produzzjoni inklużi data ta' morbidità jew mortalità li għandu jkun aġġornat regolarment;

(f) kull tibdil sinifikanti fid-data tal-produzzjoni, kif imsemmi fil-paragrafu (f), u anormalitajiet oħra jiġu rrappurtati immedjatament lill-awtorità kompetenti;

(4) Abbażi ta' assessjar ta' riskju, l-awtorità kompetenti tista' tordna illi l-proċeduri msemmija f'sub-Regola 3 jiġu applikati għall-azjendi apparti dawk ta' tjur kummerċjali jew speċi oħra fuq azjenda kummerċjali ta' tjur.

(5) Ir-ripopolazzjoni tat-tjur f'azjendi ta' kuntatt għandu jseħħ f'konformità ma' l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti abbażi ta' assessjar ta' riskju.

KAPITOLU VII

PROĊEDURI DIJANJOSTIĊI, MANWAL DIJANJOSTIKU U LABORATORJI TA' REFERENZA

Proċeduri dijanjostiċi u manwal dijanjostiku.

51. (1) Malta għandha tiżgura li jittieħdu proċeduri dijanjostiċi, teħid ta' kampjuni u ittestjar ta' laboratorji sabiex tinstab il-presenza ta' influwenza tat-tjur fit-tjur jew għasafar f'gaġġa jew il-virus ta' l-influwenza tat-tjur fil-mammiferi skond f'konformità mal-manwal dijanjostiku sabiex jiġu żgurati proċeduri uniformi għad-dijanjosi tagħha. Dak il-manwal għandu jiġi adottat skond il-proċedura msemmija f'Regola 65(2). Kull emenda sussegwenti għall-manwal għandha tiġi adottata skond l-istess proċedura.

(2) Il-manwal dijanjostiku msemmi f'sub-Regola (1) għandu jistabbilixxi s-segwenti:

(a) rekwiżiti minimi ta' bijosigurtà u livelli ta' kwalità li għandhom jiġu osservati minn laboratorji approvati li jwettqu testijet għad-dijanjosi ta' l-influwenza tat-tjur;

(b) kriterji u proċeduri li għandhom jiġu segwiti meta jsiru eżamijiet kliniċi jew *postmortem* tkun ikkonfermata jew eskluża l-presenża ta' l- influwenza tat-tjur;

(ċ) kriterji u proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-ġbir ta' kampjuni minn tjur jew għasafar f'gaġġa sabiex tkun ikkonfermata jew eskluża l-presenża ta' l-influwenza tat-tjur,

inklużi metodi ta' teħid ta' kampjuni għal *screenings* seroloġiċi jew virologiċi skond dawn ir-Regoli;

(d) testijiet tal-laboratorji li għandhom jintużaw għad-dijanjożi ta' l- influwenza tat-tjur, inklużi:

(i) testijiet għad-dijanjożi differenzjali;

(ii) testijiet li jiddistingwu viruses ta' HPAI u LPAI;

(iii) testijiet xierqa biex issir distinzjoni bejn għasafar li jkunu vaċċinati u dawk infettati bil-*field strain* ta' l-influwenza tat-tjur;

(iv) kriterji għall-evalwazzjoni tar-riżultati tat-testijiet tal-laboratorju;

(e) tekniċi tal-laboratorju għall-ittajpjar ta'*viruses* ta' l-influwenza tat-tjur;

(3) Malta għandha tiżgura illi l-*viruses* ta' l-influwenza, il-ġenomu u antiġeni tagħhom, u t-tilqim għar-riċerka, dijanjożi jew manifattura tal-tilqim għandhom jiġu manipulati jew jintużaw biss f'postijiet, stabbilimenti jew laboratorji approvati mill-awtorità kompetenti fejn ikunu garantiti l-arranġamenti xierqa ta' bijosigurtà.

Laboratorji ta' referenza.

52. (1) Il-laboratorju msemmi fl-iskeda VII għandu jkun il-laboratorju ta' riferenza għall-influwenza tat-tjur għall-influwenza tat-tjur, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ bħala "il-laboratorju ta' referenza tal-Komunità".

Bla preġudizzju għal Deċiżjoni 90/424/KEE, il-laboratorju ta' referenza tal-Komunità għandu jwettaq il-funzjonijiet u dmirijiet elenkati fi Skeda VII .

(2) Malta għandha tappunta l-laboratorji nazzjonali ta' riferenza u tikkomunika lill-Kummissjoni u Stati membri oħra d-dettalji u kull bidla sussegwenti. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna l-elenku ta' tali laboratorji nazzjonali ta' riferenza.

(3) Malta għandha tiżgura illi l-laboratorji nazzjonali ta' riferenza:

(a) jwettqu l-funzjoni u d-dmirijiet mniżżla fi Skeda VIIi;

(b) ikunu responsabbli għall-ko-ordinazzjoni ta' livelli u metodi ta' dijanjożi f'Malta skond Skeda VIII u jikkolabora mal-laboratorju ta' referenza tal-Komunità.

4. Il-laboratorju ta' referenza tal-Komunità għandha żżomm ko-operazzjoni u kuntatt mill-qrib mal-laboratorju ta' referenza għall-infuwenza tat-tjur u, kif ikun applikabbli, ma' laboratorji oħrajn ta' referenza rikonoxxuti internazzjonalment fi ħdan il-Komunità sabiex jiġi assikurat it-taħriġ, eċċellenza u appoġġ għal-laboratorji nazzjonali ta' referenza f'Malta u f'pajjiżi terzi.

KAPITOLU IX

TILQIM

SEZZJONI I

Problemi ġenerali ta' tilqim

Manifattura, bejgħ u użu ta' tilqim ta' l-influwenza tat-tjur.

53. (1) Malta għandha tiżgura illi:

(a) ikun projbit it-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur fuq it-territorju tagħha, ħlief kif imniżżel f'Sezzjonijiet 2 u 3;

(b) l-immaniġġjar, manifatturar, ħażna, fornitura u bejgħ ta' tilqim kontra l-influwenza tat-tjur fit-territorju tagħha isiru taħt superviżjoni uffiċjali;

(ċ) jintużaw biss tilqim awtorizzat skond ir-Regoli ta' l-2004 dwar Prodotti Mediċinali Veterinarji jew ir-Regolament 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu, 2004 li tniżżel il-proċeduri għall-awtorizzazzjoni u superviżjoni ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem u veterinarji u jistabblixxi Aġenzija Ewropeja tal-Mediċini.

(2) Għandhom jiġu adottati regoli li għandhom x'jaqsmu mal-kundizzjonijiet ta' fornitura u ħażna ta' stokkijiet ta' influwenza tat-tjur fil-Komunità skond il-proċedura msemmija f'Regola 65(2);

SEZZJONI 2

Tilqim ta' emerġenza

Tilqim ta' emerġenza fi tjur jew għasafar oħra f'gaġġa.

54. (1) Malta tista' tintroduċi tilqim ta' emerġenza fi tjur jew għasafar oħra f'gaġġa bħala miżura temporanja sabiex trażżan tfaqqigħa meta assessjar ta' riskju jindika li hemm theddida sinifikanti u immedjata

li tinfirex l-influwenza tat-tjur f'Malta f'konformità ma' din is-Sezzjoni meta hemm wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) tifqigħa f'Malta;

(b) tifqigħa fi Stat Membru tal-qrib, jew

(ċ) fejn l-influwenza tat-tjur tkun ġiet ikkonfermata fit-tjur jew għasafar oħra f'gaġġa f'pajjiż terz li jkun viċin.

(2) Meta Malta jkollha l-intenzjoni li tintroduċi tilqim ta' emerġenza, skond sub-Regola 1, għandha tissottometti pjan ta' tilqim ta' emerġenża lill-Kummissjoni għall-approvazjoni tagħha. Dak il-pjan għandu jkun f'konformità ma strateġija ta' DIVA u jkun jikkomprendi ta' l-inqas l-informazzjoni segwenti:

(a) is-sitwazzjoni tal-marda li tkun waslet għall-applikazzjoni għall- emerġenza ta' vaċċinazzjoni;

(b) iż-żona ġeografika li fiha t-tilqim ta' emerġenza għandu jsir u n-numru ta'azjendi f'dik iż-żona u n-numru ta' rziezet li għandhom jiġu mlaqqma jekk ikunu differenti;

(ċ) l-ispeċi u kategoriji ta' tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa jew, jekk applikabbli, il-kompartiment ta' tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa;

(d) in-numru approssimattiv ta' tjur jew għasafar oħrajn f'gaġġa li għandhom jiġu vaċċinati;

(e) il-karatterisitiċi tat-tilqima fil-qosor;

(f) it-tul ta' żmien maħsub tal-kampanja tal-vaċċinazzjoni ta' emerġenza;

(g) id-disposizzjonijiet speċifiċi fuq iċ-ċaqliq ta' tjur imlaqqam jew għasafar f'gaġġa li jkunu bla preġudizzju għall-miżuri msemmija f'Sezzjonijet 3, 4 u 5 ta' Kapitolu IV u Sezzjoni 3 ta' Kapitolu V;

(h) il-kriterji biex jiġu deċiżi jekk tilqim ta' emerġenza għandu jiġi applikat f'azjendi ta' kuntatt;

(i) iż-żamma ta' rekords u reġistrazzjoni tat-tjur jew għasafar f'gaġġa imlaqqam;

(j) testijiet kliniċi u tal-laboratorju li għandhom isiru fl-azjendi fejn ser iseħħ tilqim ta' emerġenza u f'azjendi oħra li jinsabu fiż-żona ta' tilqim ta' emerġenza sabiex jiġu immonitorjati s-stiwazzjoni epidemoloġika , l-effettività tal-kampanja ta' tilqim ta' emerġenza u l-kontroll ta' ċaqliq ta' tjur jew għasafar oħrajn imlaqqmin.

(3) Regoli dettaljati għat-tilqim jistgħu jkunu stabbiliti skond il-proċedura msemmija f'Regola 65(2).

Approvazzjoni ta' pjanijiet ta' tilqim ta' emerġenza.

55. (1) Il-Kummissjoni għandha teżamina immedjatament il-pjan ta' tilqim ta' emerġenza, kif imsemmi f'Regola 54(2) flimkien ma' Malta u għandha tirrevedi s-sitwazzjoni fil-Kumitat mill-aktar fis possibbli.

(2) Għandu jiġi approvat il-pjan ta' tilqim ta' emerġenza skond il-proċedura msemmija f'Regola 65(3).

L-approvazzjoni tal-pjan ta' tilqim ta' emerġenza tista' tinkludi miżuri li jirrestrinġu ċ-ċaqliq ta' tjur jew għasafar oħra f'gaġġa u l-prodotti tagħhom. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu restrizzjonijiet li jikkonċernaw kompartimenti speċifiċi ta' tjur u għasafar oħra f'gaġġa u l-istabbiliment ta' żoni ristretti.

Derogi.

56. (1) B'deroga minn Regola 55, Malta tista' tapplika t-tilqim ta' emerġenza qabel l-approvazzjoni tal-pjan ta' tilqim ta' emerġenza, soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-Kummmissjoni tiġi notifikata dwar il-pjan ta' tilqim ta' emerġenza, u d-deċiżjoni li jiġi applikat tilqim ta' emerġenza qabel it-tnedija tat-tilqim ta' emerġenza;

(b) Malta għandha tipprojbixxi ċ-ċaqliq ta' tjur jew għasafar oħra f'gaġġa u l-prodotti tagħhom, ħlief taħt il-kundizzjonijiet imsemmija fi Skeda IX;

(ċ) id-deċiżjoni li tapplika ma tipperikolax it-trażżin tal-mard.

(2) Meta Malta ma tapplikax id-deroga pprovduta f'sub-regola 1, is-sitwazzjoni tal-mard u l-pjan ta' tilqim ta' emerġenza, tirrevedi s-sitwazzjoni fil-Kumitat mill-aktar fis possibbli.

(3) Il-miżuri jistgħu jkunu approvati jew jinbidlu skond il-proċedura msemmija f'Regola 65(3).

SEZZJONI 3

Tilqim Preventiv

Tilqim Preventiv fi tjur jew għasafar oħra f'gaġġa.

57. (1) Malta tista' tintroduċi tilqim preventiv fit-tjur jew għasafar oħra f'gaġġa bħala miżura fit-tul skond din is-Sezzjoni fejn hi tqis illi abbażi ta' assessjar ta' riskju ċerti żoni tat-territorju tagħha, tip tat-trobbija tat-tjur jew ċerti kategoriji jew kompartimenti ta' tjur jew għasafar f'gaġġa ikunu esposti għar-riskju ta' influenza tat-tjur.

(2) Jekk Malta jkollha l-intenzjoni li tintroduċi tilqim preventiv skond is-sub-Regola 1, għandha tissottometti pjan ta' tilqim preventiv lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni. Dak il-pjan għandu jkun f'konformità ma' l-istrateġija DIVA u jkollha għall-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) deskrizzjoni ċara tar-raġunijiet għall-vaċċinazzjoni preventiva, inkluż il-każistika tal-mard;

(b) iż-żona, tip ta' trobbija tat-tjur jew ċerti kategoriji jew kompartimenti ta' tjur jew għasafar f'gaġġa li fihom għandu jsir it-tilqim preventiv u l-għadd ta' azjendi f'dik iż-żona u l-għadd u tip ta' rziezet li jridu jitlaqqmu jekk differenti;

(ċ) l-ispeċi u kategoriji ta' tjur jew għasafar f'gaġġa jew, jekk applikabbli, kompartimenti ta' tjur jew għasafar f'gaġġa li għandhom jitlaqqmu;

(d) in-numru approssimattiv ta' tjur jew għasafar f'gaġġa li għandhom jitlaqqmu;

(e) taqsira tal-karatteristiċi tal-tilqim;

(f) il-perjodu maħsub tal-kampanja tat-tilqim preventiv;

(g) id-disposizzjonijiet speċifiċi dwar iċ-ċaqliq ta' tjur jew għasafar f'gaġġa imlaqqmin li għandhom ikunu bla preġudizzju għall-miżuri msemmija f'Sezzjonijiet 3, 4 u 5 ta' Kapitolu IV u Sezzjoni 3 ta' Kapitolu V;

(h) iż-żamma ta' rekords u reġistrazzjoni tat-tjur jew għasafar f'gaġġa;

(i) it-testijiet tal-laboratorju li għandu jsir skond il-manwal dijanjostiku fl-azjendi fejn għandha ssir il-vaċċinazzjoni preventiva

fl-istess ħin tas-sorveljanza f'numru xieraq ta' azjendi oħrajn fiż-żona ta' vaċċinazzjoni jew kompartimenti ta' tjur sabiex tiġi monitorjata s-sitwazzjoni epidemioloġika, l-effettività tal-kampanja u l-kontroll ta' ċaqliq ta' tjur jew għasafar f'gaġġa mlaqqmin.

(3) Jistgħu jiġu stabbilti regoli dettaljati għat-tilqim preventiv skond il-proċedura msemmija f'Regola 65(2).

Approvazzjoni ta' pjan ta' tilqim preventiv.

58. (1) Il-Kummissjoni għandha teżamina immedjatament il-pjan ta' tilqim preventiv skond il-proċedura msemmija fir-Regola 57(2), flimkien ma' Malta u għandha tirrevedi immedjatament is-sitwazzjoni kemm jista' jkun malajr.

(2) Għandu jkun approvat il-pjan ta' tilqim skond il-proċedura msemmija f'Regola 65(3).

L-approvazzjoni ta' pjan ta' tilqim preventiv għandha tinkludi miżuri li jirrestringu ċ-ċaqliq ta' tjur jew għasafar f'gaġġa u l-prodotti tagħhom. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu restrizzjonijiet rigward kompartimenti speċifiċi ta' tjur jew għasafar f'gaġġa u t-twaqqif ta' żoni ristretti.

SEZZJONI 4

Bankijiet ta' Tilqim

Bankijiet ta' Tilqim tal-Komunità.

59. (1) Għandu jiġi stabbilit Bank ta' tilqim tal-Komunità għall-ħażna ta' riżervi tal-Komunità ta' tilqim ta' l-influenza tat-tjur awtorizzati skond ir-Regoli ta' l-2004 dwar il-Mediċini Veterinarji jew Regolament (KE) No 726/2004 skond il-proċedura msemmija f'Regola 65(2).

(2) Fuq talba lill-Kummissjoni, Malta għandha jkollha aċċess għall-tilqim tal-Komunità.

(3) Jekk ikun fl-interess tal-Komunità, il-Kummissjoni tista' tforni tilqim lil pajjiżi terzi. Bla preġudizzju għall-ftehim konkluż bejn il-Komunità u pajjiżi terzi, għandu jiġi awtorizzat l-aċċess ta' pajjiżi terzi għall-bank ta' tilqim tal-Komunità skond il-proċedura msemmija f'Regola 65(3), bla preġudizzju għall-arranġamenti dettaljati bejn il-Kummissjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat dwar il-koperazzjoni finanzjarja u teknika li għandhom jiġu addotati skond dik il-proċedura.

Banek nazzjonali ta' tilqim.

60. (1) Malta tista', fil-qafas tal-pjan ta' kontinġenza msemmi f'regola 63, tistabbilixxi jew tmantni bank nazzjonali ta' tilqim għal ħażna ta' riżervi ta' tilqim ta' influenza tat-tjur awtorizzati minn Regola

5 sa Regola 15 tar-Regoli ta' l-2004 dwar Prodotti mediċinali Veterinarji, li għandhom jintużaw għal tilqim ta' emerġenza jew preventiv.

(2) Jekk Malta jkollha bank nazzjonali ta' tilqim għandha tinforma l- Kummissjoni dwar il-kwantitajiet u tipi ta' tilqim maħżuna.

KAPITOLU X

KONTROLLI TAL-KOMUNITÀ, PIENI U PJANIJIET TA' KONTINĠENZA

Kontrolli tal-Komunità.

61. Esperti tal-Kummissjoni jistgħu jagħmlu kontrolli fuq il-post f'kooperazzjoni ma' l-awtorità kompetenti, sa fejn ikun meħtieġ sabiex tiżgura applikazzjoni uniformi ta' dawn ir-Regoli skond id-Deċizjoni tal-Kummissjoni 98/139/KE ta' l-4 ta' Frar, 1998, li tniżżel regoli dettaljati li jirrigwardaw kontrolli fuq il-post fil-qasam veterinarju mwettqin minn esperti tal-Kummissjoni fl-istat Membru u Regolament 45 ta' Regolament (KE) No 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq kontrolli uffiċjali sabiex tiġi żgurata l-verifika tal-konformità mal-liġijiet ta' l-għalf u ikel u regoli tas-saħħa u t-trattament xieraq ta' l-annimal.

Penali.

62. Malta għandha tistabbilixxi r-regoli dwar il-penali li jgħoddu għall-ksur ta' disposizzjonijiet nazzjonali adottati skond dawn ir-Regoli u għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-disposizzjonijiet lill-Kummissjoni mill-iżjed fis possibbli.

Pjanijiet ta' kontinġenza.

63. (1) Malta għandha tfassal pjan ta' kontinġenza skond l-Iskeda X fejn jispeċifikaw il-miżuri nazzjonali li għandhom jiġu implimentati fil-każ ta' tfaqqigħ ta' l-influwenza u jissottomettu dak il-pjan lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tagħha.

(2) Il-pjan ta' kontinġenza għandu jippermetti aċċess għal faċilitajiet, tagħmir, persunal u l-materjali l-oħra xierqa kollha meħtieġa għall-qerda rapida u effiċjenti tat-tfaqqigħ ta' l-influwenza. Huwa għandu jagħti indikazzjoni tan-numru u ta' fejn jinsabu l-azjendi kummerċjali kollha tat-tjur. Il-pjan ta' kontinġenza għandu jagħti indikazzjoni tan-numru massimu tat-tjur, skond l-ispeċi, li jistgħu jkunu preżenti f'dawn l-azjendi kummerċjali.

L-Istati Membri għandhom ukoll jistmaw l-ammont ta' tilqim li jkun meħtieġ fil-każ ta' tilqim ta' emerġenza.

(3) Għandu jkun hemm disposizzjonijiet għal kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-setturi differenti, b'mod partikolari dawk inkarigati mis-saħħa ta' l-annimali, is-saħħa pubblika, il-kwistjonijiet ambjentali u s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, b'mod partikolari biex jiġu żgurati komunikazzjonijiet xierqa dwar ir-riskju lill-bdiewa, lill-ħaddiema fis-settur tat-tjur u lill-pubbliku.

(4) Il-Kummissjoni għandha teżamina l-pjanijiet ta' kontinġenza sabiex tiddetermina jekk jippermettux li jinkiseb l-objettiv mixtieq u għandha tissuġġerixxi lill-Istat Membru kkonċernat kwalunkwe emenda meħtieġa, b'mod partikulari biex tiżgura li huma kompatibbli ma' dawk ta' l-Istati Membri l-oħra. Il-pjanijiet ta' kontinġenza għandhom jiġu approvati skond il-proċedura msemmija fir-Regola 65(2). Kull emenda sussegwenti għal dak il-pjan għandha tiġi adottata skond l-istess proċedura.

(5) L-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-pjan ta' kontinġenza mill-inqas kull ħames snin u jissottomettuh lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni skond il-proċedura msemmija fir-Regola 65(2).

(6) Flimkien mal-miżuri previsti fil-paragrafi 1 sa 4, regoli ulterjuri biex tiġi żgurata l-qerda rapida u effiċjenti ta' l-influwenza tat-tjur, inklużi disposizzjonijiet dwar ċentri ta' kontroll tal-mard, gruppi ta' esperti u eżerċizzji ta' emerġenza f'ħin reali, jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fir-Regola 65(2).

KAPITOLU XI

SETGĦAT TA' IMPLIMENTAZZJONI U PROĊEDURA TAL-KUMITAT

Setgħat ta' implimentazzjoni.

64. (1) Ir-regoli dettaljati meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fir-Regola 65 (2), u b'mod partikolari regoli speċifiċi dwar:

(a) ir-rimi ta' karkassi, u

(b) iċ-ċaqliq u t-trattament ta' għalf, imfierex, mifrex użat, demel u demel likwidu kkontaminat jew suspettat li huwa kkontaminat.

(2) Kwalunkwe emenda għall-Skeda I biex jittieħed kont tal-progress xjentifiku u tekniku għandha tiġi deċiża skond il-proċedura msemmija fir-regola 65(2).

(3) Ir-regoli dettaljati meħtieġa mis-sitwazzjoni epidemjoloġika biex jiġu ssupplimentati l-miżuri minimi ta' kontroll previsti f'dawn ir-Regoli għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fir-regola 65(3).

(4) Mingħajr preġudizzju għall-miżuri ta' salvagwardja previsti fir-Regolament 10 tar-Regolamenti ta' l-2003 dwar kontrolli veterinarji fil-Kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tkomplija tas-suq intern jew ir-Regolament 10 tar-Regolamenti ta' l-2003 dwar Kontrolli Veterinarji u żootekniċi applikabbli fil-kummerċ intra-komunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tkomplija tas-suq intern, miżuri temporanji ta' emerġenza meħtieġa minħabba theddida serja għas-saħħa kkawżata mill-viruses ta' l-influwenza ta' oriġini avjarja li mhumiex dawk imsemmija fir-Regola 3, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fir-Regola 65 (3).

Proċedura ta' Kumitat.

65. (1) Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali stabbilit bir-Regola (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar, 2002, li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u r-rekwiżiti tal-liġi ta' l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea għas-sigurtà ta' l-Ikel u li jistabbilixxi l-proċeduri fir-rigward tas-sigurtà ta' l-ikel.

(2) Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE. Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal tliet xhur.

(3) Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE. Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5 (6) ta' dik id-Deċiżjoni għandu jkun ta' 15-il jum.

(4) Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

SKEDA I

(kif imsemmi fir-regola 3)

Definizzjoni ta' influwenza tat-tjur

1. "influwenza tat-tjur" tfisser infezzjoni tat-tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq kkawżata minn kwalunkwe virus A ta' l-influwenza:

(a) tas-sottotipi H5 jew H7;
jew
(b) b'indiċi ta' patoġeniċità fil-vini (IVPI) ta' aktar minn 1.2 fi flieles ta' sitt ġimgħat;

2. "influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli (HPAI)" tfisser infezzjoni tat-tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq kkawżata minn:

(a) viruses ta' l-influwenza tat-tjur tas-sottotipi H5 jew H7 b'sekwenzi tal-ġenoma li jikkodifikaw għal aċidi amminiċi bażiċi multipli fil-post fejn tinqasam il-molekula ta' l-emaglutinina simili għal dak osservat għal viruses oħra ta' l-HPAI, li jindika li l-molekula ta' l-emaglutinina tista' tinqasam bi proteażi ospitanti ubikwa;
jew
(b) viruses ta' l-influwenza tat-tjur b'indiċi ta' patoġeniċità fil-vini fi flieles ta' sitt ġimgħat ta' aktar minn 1.2.

3. "influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku baxx (LPAI)" tfisser infezzjoni tat-tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq kkawżata minn viruses ta' l-influwenza tat-tjur tas-sottotipi H5 jew H7 li ma taqax taħt id-definizzjoni fil-paragrafu (2).

SKEDA II

(imsemmi fir-regola 6(2))

Notifika tal-marda u tagħrif epidemjoloġiku ieħor li għandhom jipprovdu l-Istati Membri

1. Fi żmien 24 siegħa mill-konferma ta' kwalunkwe tfaqqigħ primarju, jew sejba ta' l-influwenza tat-tjur f'biċċerija jew mezz ta' trasport, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 82/894/KEE:

(a) id-data tan-notifika;

(b) il-ħin tan-notifika;

(ċ) l-isem ta' l-Istat Membru kkonċernat;

(d) l-isem tal-marda;

(e) in-numru tat-tfaqqigħ jew is-sejba pożittiva ta' l-influwenza tat-tjur f'biċċerija jew mezz tat-trasport;

(f) id-data meta l-marda kienet suspettata għall-ewwel darba;

(g) id-data tal-konferma;

(h) il-metodi użati għall-konferma;

(i) jekk il-marda ġietx ikkonfermata f'azjenda, biċċerija jew f'mezz ta' trasport;

(j) il-post ġeografiku tat-tfaqqigħ jew tas-sejba pożittiva ta' l-influwenza tat-tjur f'biċċerija jew f'mezz tat-trasport;

(k) il-miżuri applikati għall-kontroll tal-marda.

2. Fil-każ ta' sejbiet pożittivi ta' l-influwenza tat-tjur f'biċċeriji jew mezzi tat-trasport, l-Istat Membru kkonċernat għandu jibgħat, flimkien mad-*data* msemmija fil-paragrafu 1, l-informazzjoni li ġejja:

(a) stima tan-numru, skond il-kategorija, ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq suxxettibbli fil-biċċerija jew fil-mezz tat-trasport;

(b) stima tan-numru, skond il-kategorija, ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq mejtin fil-biċċerija jew fil-mezz tat-trasport;

(ċ) għal kull kategorija ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq, il-morbożità identifikata u l-istima tan-numru ta' tjur jew għasafar imrobbija oħra li fihom ġiet ikkonfermata l-influwenza tat-tjur;
(d) l-istima tan-numru ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq maqtula jew imbiċċra fil-biċċerija jew fil-mezz tat-trasport;
(e) stima tan-numru ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq mormija;
(f) fil-każ ta' biċċerija, id-distanza mill-eqreb azjenda kummerċjali tat-tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq;
(g) fejn tinsabżjinsabu l-azjenda jew l-azjendi minn fejn ġejjin it-tjur jew il-karkassi infettati.
3. Fil-każ ta' tfaqqigħ sekondarju, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 trid tintbagħat fiż-żmien it-termini perentorji stabbiliti fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 82/894/KEE.
4. L-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li l-informazzjoni li għandha tiġi provduta skond il-paragrafi 1, 2 u 3, fir-rigward ta' kwalunkwe tfaqqigħ jew sejba pożittiva ta' l-influwenza tat-tjur f'biċċerija jew f'mezz ta' trasport, tiġi segwita mill-aktar fis possibbli minn rapport bil-miktub lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, inkluż għallinqas:
(a) id-data meta t-tjur jew l-għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq fl-azjenda, fil-biċċerija jew fil-mezz tat-trasport inqatlu u l-karkassi tagħhom intremew jew ġew imbiċċra;
(b) kwalunkwe informazzjoni dwar l-oriġini possibbli ta' l-influenza tat-tjur jew, jekk ġiet stabbilita, l-oriġini tagħha;
(ċ) informazzjoni dwar is-sistema ta' kontroll stabbilita biex jiġi żgurat li l-miżuri li hemm għall-kontroll taċ-ċaqliq ta' l-annimali huma implimentati b'mod effettiv;
(d) fil-każ ta' sejba ta' l-influwenza tat-tjur f'biċċerija jew f'mezz ta' trasport, it-tip ġenetiku tal-virus responsabbli;
(e) fejn tjur ta' l-azjendi jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq inqatlu jew ġew imbiċċra f'azjendi milquta jew li fihom tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq li huma suspettati li ġew infettati bil-virus ta' l-influwenza tat-tjur, informazzjoni dwar:
(i) id-data tal-qtil jew tat-tbiċċir u l-istima tan-numru ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ta' kull kategorija maqtula jew imbiċċra f'kull azjenda;

(ii) il-konnessjoni epidemjoloġika bejn l-għajn ta' l-infezzjoni u kull azjenda milquta jew ir-raġunijiet l-oħra li wasslu għas-suspett li l-influwenza tat-tjur hija preżenti;
(iii) fejn f'azjendi milquta tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ma jkunux inqatlu jew tbiċċru, trid tingħata informazzjoni dwar ir-raġunijiet għad-deċiżjoni li ma jiġux maqtula jew imbiċċra.
5. F'każ ta' konferma ta' l-influwenza tat-tjur fi tjur, għasafar oħra miżmuma fil-magħluq jew prodotti tat-tjur li qed jiġu importati jew introdotti minn fruntieri Komunitarji, f'postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri jew f'faċilitajiet ta' kwarantina
jew ċentri li joperaw skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-importazzjonijiet, l-awtorità kompetenti għandha tavża din il-konferma lill-Kummissjoni mingħajr dewmien u tirrapporta dwar il-miżuri meħuda.
6. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra jridu jiġu nnotifikati fi żmien 24 siegħa fejn, bħala riżultat ta' sorveljanza, tiġi identifikata theddida serja għas-saħħa.

SKEDA III

(kif imsemmi fir-regoli 9(3) u 14(3)

Awtorizzazzjoni għat-tneħħija tal-bajd minn azjenda skond ir-regola 9(3) u l-regola 14(3)

L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport ta' bajd minn azjenda bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regola 9(3) u r-regola 14(3) ta' dawn ir-regolamenti lejn azjenda approvata għall-manifattura ta' prodotti tal-bajd skond ir-Regola (KE) Nru 853/2004 ("l-istabbiliment magħżul"), suġġett għal dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. sabiex ikunu jistgħu jitneħħew mill-azjenda ta' oriġini, il-bajd iridu jintbagħtu direttament mill-azjenda suspettata lill-istabbiliment magħżul; kull konsenja trid tkun issiġillata qabel id-dispaċċ mill-veterinarju uffiċjali responsabbli għall-azjenda suspettata jew taħt is-superviżjoni tiegħu u għandha tibqa' ssiġillata matul it-trasport kollu sa l-istabbiliment magħżul;
2. il-veterinarju uffiċjali responsabbli għall-azjenda ta' oriġini għandu jinforma lill-awtorità kompetenti ta' l-azjenda magħżula dwar l-intenzjoni li jintbagħtu l-bajd lilha;
3. l-awtorità kompetenti responsabbli għall-azjenda magħżula għandha tiżgura li:
(a) il-bajd imsemmi f' paragrafu 1 jinżamm iżolat minn bajd ieħor minn x'ħin jasal sakemm jiġi proċessat;
(b) il-qxur ta' dan il-bajd jintremew;
(ċ) il-pakketti użati għall-bajd jew jinqerdu jew jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati b'tali mod li jinqerdu l-viruses kollha ta' l-influwenza tat-tjur;
(d) il-bajd imsemmi f' paragrafu 1 jiġi ttrasportat f'vetturi mnaddfa u ddiżinfettati. Jiġu applikati miżuri ta' bijosigurtà fuq impjegati u tagħmir u vetturi involuti fit-trasport tal-bajd.

SKEDA IV

Regoli 16(2), 33(2) u l- 43 (2)

Kriterji u fatturi ta' riskju ewlenin li jridu jiġu kkonsidrati għad-Deċiżjoni li jiġu applikati miżuri f'azjendi ta' kuntatt jew azjendi u żoni f'riskju fiż-żoni ristretti ulterjuri

Kriterji indikattivi	
Għat-tnaqqis fil-popolazzjoni	Kontra t-tnaqqis fil-popolazzjoni
Sinjali kliniċi li jissuġġerixxu l-influwenza tat-tjur f'azjendi milquta	Ebda sinjali kliniċi li jissuġġerixxu l-influwenza tat-tjur f'azjendi milquta u l-ebda konnessjoni epidemjoloġika
Suxxettibilità għolja ta' l-ispeċi predominanti tat-tjur	Suxxettibilità baxxa ta' l-ispeċi predominanti tat-tjur
Iċ-ċaqliq tat-tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq minnażjendi fejn ġiet ikkonfermata l-influwenza tat-tjur lejn azjendi milquta wara ż-żmien meta probabbilment ġie introdott il-virus f'dawk l-ażjendi infettati	M'hemm ebda ċaqliq tat-tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq minnażjendi fejn ġiet ikkonfermata l-influwenza tat-tjur lejn azjendi milquta wara ż-żmien meta probabbilment ġie introdott il-virus f'dawk l-ażjendi infettati
Il-post fejn jinsabu l-azjendi milquta hu f'żona b'densità għolja ta' tjur	Il-post fejn jinsabu l-azjendi milquta hu f'żona b'densità baxxa ta' tjur(1)
Il-marda ilha preżenti għal xi ftit żmien u x'aktarx il-virus inxtered mill-ażjendi fejn ġiet ikkonfermata l-influwenza avjarja qabel l-applikazzjoni tal-miżuri għall-qerda	Il-marda preżenti iżda b'tixrid limitat tal-virus mill-ażjendi fejn ġiet ikkonfermata l-influwenza avjarja qabel l-applikazzjoni tal-miżuri għall-qerda
Il-post fejn jinsabu l-azjendi milquta hu inqas minn 500 metru mill-ażjendi fejn ġiet ikkonfermata l-influwenza tat-tjur	Il-post fejn jinsabu l-azjendi milquta hu inqas minn 500 metru mill-ażjendi fejn ġiet ikkonfermata l-influwenza tat-tjur
L-azjendi milquta huma konnessi ma' iżjed minnażjenda waħda fejn ġiet ikkonfermata l-influwenza tat-tjur	L-azjendi milquta m'humiex konnessi ma'ażjendi minn fejn ġiet ikkonfermata l-influwenza tat-tjur
L-epidemija mhijiex taħt kontroll u n-numru ta'ażjendi fejn l-influwenza tat-tjur ġiet ikkonfermata qed jikber	L-epidemija tinsab taħt kontroll

(1) F'każijiet fejn id-densità ta' tjur hija għolja ħafna, għandha titqies distanza akbar

SKEDA V

(imsemmi fir-regola 40(1))

Kriterji għad-Deċiżjoni li jiġu applikati miżuri f'azjendi fir-rigward ta' l-LPAI

Meta issir deċiżjoni dwar iċ-ċaqliq tat-tjur jew tal-bajd u t-tnaqqis fil-popolazzjoni ta' l-azjendi skond ir-Regola 40(1)l-awtorità kompetenti għandha tqis minn ta' l-inqas dawn il-kriterji li ġejjin:

(a) l-ispeċi in kwistjoni;

(b) in-numru ta' azjendi fiż-żona madwar l-ażjenda tad-dispaċċ;

(ċ) fejn jinsabu l-biċċeriji, l-imfaqas u ċ-ċentri ta' l-ippakkjar magħżula;

(d) miżuri ta' bijosigurtà applikati f'azjendi, kumpartiment ta' tjur jew ta' għasafar oħra miżmuma fil-magħluq, matul ittrasport u matul it-tbiċċir;

(e) ir-rotta tat-trasport;

(f) provi tat-tixrid;

(g) ir-riskju għas-saħħa pubblika, jekk hemm;

(h) it-trattamenti ulterjuri tal-prodotti in kwistjoni;

(i) l-impatt soċjo-ekonomiku u impatti oħra.

SKEDA VI

(imsemmi fir-regola 49)

Prinċipji u proċeduri għat-tindif, id-diżinfezzjoni u t-trattament ta' l-azjendi

1. Il-prinċipji ġenerali u l-proċeduri li ġejjin għandhom jiġu applikati għat-tindif, id-diżinfezzjoni u t-trattament previst fir-regola 49

(a) it-tindif u d-diżinfezzjoni u, fejn meħtieġ, il-miżuri għall-qerda tar-rodenti u l-insetti għandhom jitwettqu taħt superviżjoni uffiċjali u skond l-istruzzjonijiet mogħtija mill-veterinarju uffiċjali;

(b) id-diżinfettanti li għandhom jintużaw u l-konċentrazzjonijiet tagħhom għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità kompetenti biex tiġi żgurata l-qerda tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur;

(ċ) id-diżinfettanti għandhom ikunu użati jew skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur fejn dawn jingħataw jew skond l-istruzzjonijiet tal-veterinarju uffiċjali użjew l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti, jekk hemm;

(d) l-għażla tad-diżinfettanti u tal-proċeduri għad-diżinfezzjoni għandha ssir b'kont meħud tan-natura ta' l-ażjendi, il-vetturi u l-oġġetti li jridu jiġu ttrattati;

(e) il-kondizzjonijiet li taħthom l-aġenti li jneħħu x-xaħam u d-diżinfettanti jintużaw, għandhom jiżguraw li l-effikaċja tagħhom mhix imxekkla; b'mod partikulari l-parametri tekniċi indikati mill-manifattur, bħall-pressjoni, it-temperatura minima u l-ħin ta' kuntatt meħtieġ għandhom jiġu osservati;

(f) irrispettivament mid-diżinfettant użat, ir-regoli ġenerali li ġejjin għandhom jiġu applikati:

(i) tgħaddis b'reqqa ta' mfierex u mifrex użat, kif ukoll materjal fekali bid-diżinfettant;

(ii) ħasil u tindif, permezz ta' xkupiljar u b'għorik bil-broxk bir-reqqa ta' l-art ta' ġewwa u ta' barra, tar-rampi u tal-ħitan wara t-tneħħija jew iż-żarmar, fejn possibbli, ta' tagħmir jew installazzjonijiet li kieku jillimitaw il-proċeduri ta' tindif u diżinfezzjoni b'mod effettiv;

(iii) imbagħad, applikazzjoni oħra tad-diżinfettant għal ħin ta' kuntatt minimu kif stipulat fir-rakkmandazzjonijiet tal-manifattur;

(g) fejn il-ħasil isir b'likwidi applikati taħt pressjoni, il-kontaminazzjoni mill-ġdid tal-partijiet imnaddfa qabel trid tiġi evitata;

(h) il-ħasil, diżinfezzjoni jew qerda ta' tagħmir, installazzjonijiet, artikoli jew kwalunkwe ħaġa oħra li x'aktarx huma kontaminati jridu jkunu inklużi;

(i) wara l-proċeduri tad-diżinfezzjoni, il-kontaminazzjoni mill-ġdid trid tiġi evitata;
(j) it-tindif u d-diżinfezzjoni kif meħtieġ fil-qafas ta' dawn ir-regoli jridu jiġu dokumentati fir-reġistru ta' l-azjenda jew tal-vettura u, fejn hi meħtieġa l-approvazzjoni uffiċjali, għandhom jiġu ċċertifikati mill-veterinarju uffiċjali li jissorvelja jew persuna taħt is-superviżjoni tiegħu;
(k) it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-vetturi użati għat-trasport u mill-impjegati.

2. It-tindif u d-diżinfezzjoni u ta' l-azjendi infettati għandhom jitwettqu skond dawn il-prinċipji u l-proċeduri li ġejjin:

(a) it-tindif u d-diżinfettar preliminari:

(i) matul il-qtil ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq, għandhom jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi evitat jew imnaqqas it-tixrid tal-virus ta' l-influwenza

tat-tjur; dawk il-miżuri għandhom jinkludu, l-installazzjoni ta' tagħmir temporanju tad-diżinfezzjoni, il-provvista ta' ħwejjeġ protettivi, doċċi, id-dekontaminazzjoni ta' tagħmir, strumenti u faċilitajiet użati, u l-interruzzjoni tal-provvista ta' l-enerġija lejn il-ventilazzjoni;

(ii) il-karkassi tat-tjur u ta' għasafar oħra miżmuma fil-magħluq maqtula għandhom jiġu mraxxa bid-diżinfettant;

(iii) kwalunkwe trasport ta' karkassi ta' tjur u għasafar oħra miżmuma fil-magħluq li għandu jitneħħa mill-azjenda għar-rimi għandu jsir f'vetturi jew kontenituri magħluqin li ma jippermettux ċarċir taħt superviżjoni uffiċjali b'tali mod li jiġi evitat it-tixrid tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur;

(iv) malli t-tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq maqtula jew ikunu tneħħew biex jintremew, dawk il-partijiet ta' l-azjenda fejn kienu jinżammu u kwalunkwe parti minn bini, btieħi, eċċ. oħra kkontaminati waqt il-qtil, jew l-eżami *post-mortem* għandhom jiġu mraxxa bid-diżinfettanti awtorizzati skond ir-regola 49;

(v) kwalunkwe tessut jew demm li jaqa' matul il-qtil mill-eżamijiet *post-mortem* irid jinġabar bir-reqqa u jintrema' mat-tjur jew l-għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq maqtula;

(vi) id-diżinfettant għandu jibqa' fuq l-uċuħ għallinqas għal 24 siegħa;
(b) it-tindif u d-diżinfezzjoni finali:
(i) id-demel u l-imfierex użati għandhom jitneħħew u jiġu ttratati kif previst fil-paragrafu 3(a);

(ii) ix-xaħam u l-ħmieġ għandhom jitneħħew mill-uċuħ kollha bl-applikazzjoni ta' aġent li jneħħi x-xaħam u l-uċuħ għandhom jitnaddfu bl-ilma;

(iii) wara l-ħasil bl-ilma kiesaħ, għandu jerġa' jiġi applikat raxx bid-diżinfettant;

(iv) wara sebat ijiem l-aġjenda għandha tiġi trattata b'aġent li jneħħi x-xaħam, imlaħlaħ bl-ilma, imraxxax bid-diżinfettant u mlaħlaħ għal darb'oħra bl-ilma;

3. Id-diżinfezzjoni ta' mifrex, demel u demel likwidu kkontaminati għandha ssir skond il-prinċipji u l-proċeduri li ġejjin:

(a) id-demel u l-imfierex użati għandhom jew:
(i) jgħaddu minn trattament bil-fwar ta' temperatura ta' mill-inqas 70° Ċ;
(ii) jinqerdu bil-ħruq;
(iii) jindifnu fil-fond biżżejjed biex jiġi evitat l-aċċess minn għasafar selvaġġi u annimali oħra; jew
(iv) jitqiegħdu f'munzell għas-sħana, jiġu mraxxa bid-diżinfettant u jitħallew mill-inqas għal 42 jum;
(b) id-demel likwidu għandu jinħażen għal mill-inqas 60 jum wara l-aħħar żieda ta' materjal infettiv, sakemm l-awtorità kompetenti ma tawtorizzax żmien iqsar għall-ħażna tad-demel likwidu li ġie ttrattat b'effikaċja skond l-istruzzjonijiet tal-veterinarju uffiċjali sabiex tiġi żgurata l-qerda tal-virus.
L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport ta' demel, mifrex użat, u imfierex li x'aktarx huma kkontaminati jew lejn impjant ta' trattament fejn isir trattament li jiżgura l-qerda ta' kwalunkwe virus ta' l-influwenza jew għallħażna intermedja qabel il-qerda jew it-trattament, skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jew skond ir-regoli speċifiċi msemmija fir-Regola 64(1) ta' dawn ir-Regoli. Dan it-trasport għandu jsir f'vetturi magħluqa li ma jippermettux ċarċir, taħt superviżjoni uffiċjali b'tali mod li jiġi evitat it-tixrid tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur.

4. Madankollu, b'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi proċeduri speċifiċi għat-tindif u d-diżinfezzjoni, b'kont meħud tat-tip ta' azjenda u l-kondizzjonijiet klimatiċi. L-awtorità kompetenti għandha tavża lill-Kummissjoni meta tiġi applikata din id-deroga u tipprovdihom bit-dettalji tal-proċeduri speċifiċi.

5. Mingħajr preġudizzju għar-regola 49(b), jekk l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li l-ażjenda jew parti minn kwalunkwe ażjenda ma jistgħux, għal kwalunkwe raġuni, jitnaddfu u jiġu diżinfettati, hija tista' tipprojbixxi d-dħul ta' kwalunkwe persuna, vettura, tjur, għasafar oħra miżmuma fil-magħluq jew mammiferi ta' speċi domestiċi u ta' kwalunkwe ħaġa oħra għal dik l-ażjenda, jew parti minn dik l-ażjenda u tali projbizzjoni għandha tibqa' fis-seħħ għal minimu ta' 12-il xahar.

SKEDA VII

(imsemmi fir-regola 52(1))

Il-laboratorju komunitarju ta' referenza għall-influwenza tat-tjur

1. Il-laboratorju Komunitarju ta' referenza għall-influwenza tat-tjur huwa:
Veterinary Laboratories Agenċy (VLA), New Haw, Weybridge, Surrey KT 15 3NB, Ir-Renju Unit.
2. Il-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-laboratorju Komunitarju ta' referenza għandhom ikunu li:
(a) jikkoordina, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, il-metodi li jintużaw fl-Istati Membri għad-dijanjosi ta' l-influwenza tat-tjur, speċifikament billi;
(i) jikklassifika, jaħżen u jipprovdi varjetajiet tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur għal testijiet seroloġiċi u l-preparazzjoni ta' l-antisera;
(ii) jipprovdi sera standard u reaġenti ta' referenza oħra lil-laboratorji nazzjonali ta' referenza sabiex jiġu standardizzati t-testijiet u r-reaġenti użati fl-Istati Membri;
(iii) jibni u jżomm ġabra ta' varjetajiet u kampjuni tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur;
(iv) jorganizza testijiet komparattivi perjodiċi tal-proċeduri dijanjostiċi fuq livell Komunitarju;
(v) jiġbor u jqabbel *data* u informazzjoni dwar il-metodi tad-dijanjosi użati u r-riżultati tat-testijiet imwettqa fil-Komunità;
(vi) jikkaratterizza l-kampjuni tal-viruses ta' l-influwenza tat-tjur bil-metodi l-aktar aġġornati li huma disponibbli biex jippermetti fehim aħjar ta' l-epidemjoloġija ta' l-influwenza tat-tjur u sabiex jinkiseb għarfien fil-fond ta' l-epidemjoloġija tal-virus u ta' kif jitfaċċaw il-varjetajiet b'livell patoġeniku għoli u dawk potenzjalment patoġeniċi;
(vii) iżomm ruħu aġġornat dwar l-iżviluppi fis-sorveljanza, l-epidemjoloġija u l-prevenzjoni ta' l-influwenza tat-tjur mad-dinja kollha;
(viii) iżomm kompetenza dwar il-virus ta' l-influwenza tat-tjur u viruses oħra rilevanti biex tkun tista' ssir djanjosi differenzjali rapida;
(ix) jikseb għarfien tal-preparazzjoni u l-użu tal-prodotti ta' l-immunoloġija veterinarja użati għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur;

(b) jgħin b'mod attiv fid-dijanjosi ta' tfaqqigħ ta' l-influwenza fil-Komunità billi jirċievi kampjuni ta' viruses ta' l-influwenza ta' oriġini avjarja għal dijanjosi konfermattiva, karatterizzazzjoni u studji epidemjoloġiċi u biex jikseb kampjuni minn tfaqqigħ primarju li għandhom jiġu sottomessi minn pajjiżi terzi awtorizzati għall-importazzjoni ta' tjur ħajjin u laħam lejn il-Komunità skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti; fuq il-kampjuni tal-viruses li jirċievi, il-laboratorju Komunitarju ta' referenza għandu b'mod partikulari jagħmel dawn li ġejjin:

(i) analiżi tas-sekwenzi tan-nukleotidi biex tkun tista' tiġi ddeterminata s-sekwenza dedotta ta' l-aċidi amminiċi fil-post fejn tinqasam il-molekula tal-emaglutinina;

(ii) jiddetermina l-indiċi tal-patoġeniċità fil-vini (IVPI);

(iii) jikklassifika l-antiġeni;

(iv) jagħmel analiżi filoġenetika biex jgħin fl-investigazzjonijiet epidemjoloġiċi;

(ċ) jiffaċilita t-taħriġ jew it-taħriġ mill-ġdid ta' esperti fid-dijanjosi tal-laboratorju bil-ħsieb li jarmonizza t-tekniki fil-Komunità kollha;

(d) jipprepara l-programm u d-dokumenti ta' ħidma għal-Laqgħa Annwali tal-Laboratorji Nazzjonali ta' Referenza;

(e) jgħin fit-twettiq ta' stħarriġ dwar l-influwenza tat-tjur fit-tjur u f'għasafar selvaġġi li għandhom isiru fl-Istati Membri billi jipprovdi l-antiġeni fil-qafas tal-programm u l-proċeduri approvati għall-ittestjar u jipprepara rapport sommarju dwar ir-riżultati ta' l-istħarriġ;

(f) iżomm taħt reviżjoni l-impatt żoonotiku li jista' jirriżulta minn viruses ta' l-influwenza tat-tjur u jikkollabora ma' laboratorji ta' l-influwenza tal-bniedem rikonoxxuti fuq livell internazzjonali.

(g) Biex jiżviluppa, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, pjan ta' kriżi u ta' kontinġenza li għandu jinkludi disposizzjoni għall-kooperazzjoni mal-laboratorju ta' referenza għall-influwenza tat-tjur ta' l-OIE u tal-FAO u, kif xieraq, ma' laboratorji oħra rikonoxxuti fuq livell internazzjonali fi ħdan il-Komunità.

SKEDA VIII

(imsemmi fir-regola 52(3))

Funzjoni u dmirijiet tal-laboratorji ta' referenza nazzjonali

1. Il-laboratorji ta' referenza nazzjonali għandhom ikunu responsabbli li jiżguraw li f'kull Stat Membru l-ittestjar fil-laboratorju għas-sejba tal-preżenza ta' l-influwenza tat-tjur u l-identifikazzjoni tat-tip ġenetiku tal-kampjuni tal-*viruses* isiru skond il-manwal dijanjostiku. Għal dak l-iskop, jistgħu jagħmlu ftehim speċjali mal-laboratorju Komunitarju ta' referenza jew ma' laboratorji nazzjonali oħra.

2. Il-laboratorji nazzjonali ta' referenza għandhom jissottomettu kampjuni tal-virus ta' l-influwenza ta' oriġini avjarja lil-laboratorju Komunitarju ta' referenza mingħajr dewmien għal karatterizzazzjoni sħiħa:

(a) minn t-tfaqqigħ primarju kollu ta' l-influwenza tat-tjur;
(b) f'każ ta' tfaqqigħ sekondarju, minn numru rappreżentattiv ta' tfaqqigħ;
(ċ) f'każ ta' sejba ta' viruses ta' l-influwenza minbarra dawk imsemmija fl-Iskeda I(1)punt 1 ta' regola 3 fi tjur, għasafar oħra miżmuma fil-magħluq jew mammiferi, li huma ta' theddida serja għas-saħħa.
(3) Il-laboratorju nazzjonali ta' referenza f'kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għall-koordinazzjoni ta' l-istandards u l-metodi dijanjostiċi f'kull laboratorju dijanjostiku ta' l-influwenza tat-tjur f'dak l-Istat Membru. Għal dak l-iskop:
(a) jistgħu jipprovdu reaġenti dijanjostiċi lil laboratorji individwali;
(b) għandhom jikkontrollaw il-kwalità tar-reaġenti dijanjostiċi kollha użati f'dak l-Istat Membru;
(ċ) għandhom jirranġaw testijiet komparattivi fuq bażi perjodika;
(d) għandu jkollhom kampjuni tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur minn tfaqqigħ u ta' viruses ta' l-influwenza oħra ta' oriġini avjarja li nstabu f'dak l-Istat Membru;
(e) għandhom jikkollaboraw mal-laboratorji nazzjonali ta' l-influwenza tal-bniedem.

SKEDA IX

(imsemmi fil-punt (b) ta' l-Regola 56(1)(b))

Ħtiġiet għaċ-ċaqliq ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq u prodotti tat-tjur applikabbli fir-rigward tat-tilqim ta' emerġenza

1. Malta għandha tiżgura li jiġu applikati l-kontrolli fuq iċ-ċaqliq fuq tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq imlaqqmin skond ir-regola 56 u fuq il-prodotti tagħhom kif stabbilit fil-paragrafi 3 sa 8 skond il-manwal dijanjostiku.

2. Kwalunkwe vettura jew mezz ta' trasport u tagħmir użat għat-trasport ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ħajjin, bajd jew laħam tat-tjur fil-kuntest ta' din l-iskeda għandhom jgħaddu minn waħda jew aktar mill-proċeduri ta' tindif, diżinfezzjoni jew trattament previsti fi-regola 49 mingħajr dewmien wara li jkun ġie użat.

3. Id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għaċ-ċaqliq ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ħajjin u bajd fiż-żona tat-tilqim:

(a) il-bajd għat-tifqis għandu:
(i) joriġina minn qatgħa għar-riproduzzjoni mlaqqma jew mhux imlaqqma li tkun ġiet eżaminata b'riżultati favorevoli, skond il-manwal dijanjostiku;
(ii) ikun ġie ddiżinfettat qabel id-dispaċċ skond metodu approvat mill-awtorità kompetenti;
(iii) jiġi trasportat direttament lill-mafqas destinatarju;
(iv) ikun jista' jiġi traċċat ġewwa fi ħdan il-mafqas;
(b) il-bajd għandhom joriġinaw minn qatgħa għall-bajd mlaqqma jew mhux imlaqqma li tkun ġiet eżaminata, b'riżultati favorevoli, skond il-manwal dijanjostiku u għandhom jiġu trasportati lejn;
(i) ċentru ta' ppakkjar magħżul mill-awtorità kompetenti ("iċ-ċentru ta' ppakkjar magħżul"), basta li jiġu ppakkjati f'imballaġġ li jista' jintrema' u li jiġu applikati l-miżuri ta' bijosigurtà kollha meħtieġa mill-awtorità kompetenti,
jew

(ii) stabbiliment għall-manifattura ta' prodotti tal-bajd kif stabbilit fil-Kapitoli II tat-Taqsima X ta' l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u biex jiġu mmaniġġjati u ttrattati skond il-Kapitolu XI ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004.

(ċ) il-flieles ta' jum għandhom:

(i) joriġinaw minn bajd għat-tifqis li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti f'(a);

(ii) jitqiegħdu f'bini jew f'barrakka tat-tjur fejn m'hemm ebda tjur residenti;

(d) tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ħajin għandhom:

(i) ikunu gew mlaqqmin kontra l-influwenza tat-tjur, jekk dan huwa previst fil-programm tat-tilqim;

(ii) ikunu ġew eżaminati, b'riżultati favorevoli, skond il-manwal dijanjostiku;

(iii) jitqiegħdu f'bini jew f'barrakka tat-tjur fejn m'hemm ebda tjur residenti;

(e) it-tjur għat-tbiċċir għandhom:

(i) jiġu eżaminati b'riżultati favorevoli qabel it-tagħbija skond il-manwal dijanjostiku;

(ii) jintbagħtu direttament f'biċċerija magħżula biex jiġu mbiċċra minnufih.

4. Id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għaċ-ċaqliq ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ħajjin u bajd minn azjendi barra mż-żona tat-tilqim lejn l-ażjenda fi ħdan iż-żona ta' tilqim:

(a) il-bajd għat-tifqis għandu:

(i) jiġi trasportat direttament lill-mafqas destinatarju;

(ii) ikun jista' jiġi traċċat ġewwa fi ħdan il-mafqas;

(b) il-bajd għandhom jiġu trasportati lejn:

(i) ċentru ta' ppakkjar magħżul mill-awtorità kompetenti ("iċ-ċentru ta' ppakkjar magħżul"), basta li jiġu ppakkjati f'imballaġġ li jista' jintrema u li jiġu applikati l-miżuri ta' bijosigurtà kollha meħtieġa mill-awtorità kompetenti,

jew

ii) stabbiliment għall-manifattura ta' prodotti tal-bajd kif stabbilit fil-Kapitoli II tat-Taqsima X ta' l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u biex jiġu mmaniġġjati u ttrattati skond il-Kapitolu XI ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004.

(ċ) flieles ta' jum għandhom jitqiegħdu f'bini jew f'barrakka tat-tjur fejn m'hemm ebda tjur residenti;

(d) tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ħajjin għandhom:

(i) jitqiegħdu f'bini jew f'barrakka tat-tjur fejn m'hemm ebda tjur residenti;

(ii) jitlaqqmu fl-azjenda destinatarja, jekk previst fil-programm tat-tilqim;

(e) tjur għat-tbiċċir għandhom jintbagħtu direttament f'biċċerija magħżula biex jiġu mbiċċra minnufih;

5. Id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għaċ-ċaqliq ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ħajjin u bajd minn azjendi fi ħdan iż-żona tat-tilqim lejnażjenda barra miż-żona ta' tilqim:

(a) il-bajd għat-tifqis għandu:

(i) joriġina minn qatgħa għar-riproduzzjoni mlaqqma jew mhux imlaqqma li tkun ġiet eżaminata b'riżultati favorevoli, skond il-manwal djanjostiku;

(ii) ikun ġie ddiżinfettat qabel id-dispaċċ skond metodu approvat mill-awtorità kompetenti;

(iii) jiġi trasportat direttament lill-mafqas destinatarju;

(iv) ikun jista' jiġi traċċat ġewwa fi ħdan il-mafqas;

(b) il-bajd għandhom joriġinaw minn qatgħa għall-bajd mlaqqma jew mhux imlaqqma li tkun ġiet eżaminata, b'riżultati favorevoli, skond il-manwal ta' monitoraġġ dijanjostiku u għandhom jiġu trasportati lejn:

(i) ċentru ta' ppakkjar magħżul mill-awtorità kompetenti ("iċ-ċentru ta' ppakkjar magħżul"), basta li jiġu ppakkjati f'imballaġġ li jista' jintrema' u li jiġu applikati l-miżuri ta' bijosigurtà kollha meħtieġa mill-awtorità kompetenti,

jew

(ii) stabbiliment għall-manifattura ta' prodotti tal-bajd kif stabbilit fil-Kapitolu II tat-Taqsima X ta' l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u biex jiġu mmaniġġjati u ttrattati skond il-Kapitolu XI ta' l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 852/2004.

(ċ) il-flieles ta' jum:

(i) ma għandhomx ikunu ġew imlaqqmin;

(ii) joriġinaw minn bajd għat-tifqis li jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) tal-paragrafu 2, il-punt (a) tal-paragrafu 3 jew il-punt (a) tal-paragrafu 4;

(iii) jitqiegħdu f'bini jew f'barrakka tat-tjur fejn m'hemm ebda tjur residenti;

(d) tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ħajin għandhom:

(i) ma jkunux ġew imlaqqmin;

(ii) ikunu ġew eżaminati b'riżultati favorevoli, skond il-manwal dijanjostiku;

(iii) jitqiegħdu f'bini jew f'barrakka tat-tjur fejn m'hemm ebda tjur residenti;

(e) it-tjur għat-tbiċċir għandhom:

(i) jiġu eżaminati qabel it-tagħbija b'riżultati favorevoli, skond il-manwal dijanjostiku;

(ii) jintbagħtu direttament f'biċċerija magħżula biex jiġu mbiċċra minnufih;

6. Għal-laħam miksub minn tjur miżmumin fiż-żona tat-tilqim, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet li ġejjin:

(a) għal laħam miksub minn tjur ta' l-azjendi imlaqqmin, it-tjur ta' l-azjendi għandhom:

(i) ikunu ġew imlaqqmin b'tilqima li tikkonforma ma' strateġija tad-DIVA;

(ii) ikunu ġew spezzjonati u ttestjati b'riżultati negattivi skond il-manwal dijanjostiku;

(iii) ikunu ġew spezzjonati klinikament minn veterinarju uffiċjali fi żmien 48 siegħa qabel it-tagħbija u jekk xieraq kwalunkwe għasfur sentinella fl-azjenda għandu jkun ġie eżaminat mill-uffiċċjali veterinarju;

(iv) ikunu ntbagħtu direttament f'biċċerija magħżula biex jiġu mbiċċra minnufih;

(b) għal kwalunkwe laħam miksub minn tjur mhux imlaqqmin mibgħut għat-tbiċċir, it-tjur għandhom jgħaddu minn monitoraġġ skond il-manwal dijanjostiku.

7. L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza ċ-ċaqliq ta' karkassi jew bajd għar-rimi mill-azjendi.

8. M'għandhom japplikaw ebda restrizzjonijiet ulterjuri għaċ-ċaqliq ta' bajd ippakkjat u laħam mit-tjur imbiċċra skond din l-Iskeda.

9. Iċ-ċaqliq tat-tjur (inklużi flieles tal- jum) jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq mit-territorju ta' Malta huwa projbit mill-bidu tal-kampanja ta' tilqim ta' emerġenza sakemm jiġi approvat il-pjan ta' emerġenza taħt ir-regola 55 u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura Komunitarja ulterjuri, sakemm dan ma jiġix awtorizzat mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru riċevitur

SKEDA X

(imsemmi fir-Regola 63(1))

Kriterji għall-pjanijiet ta' kontinġenza

Il-pjanijiet ta' kontinġenzja għandhom jissodisfaw għall-inqas dawn il-kriterji li ġejjin:

1. L-istabbiliment ta' ċentru ta' kriżi fuq livell nazzjonali, li għandu jikkoordina l-miżuri kollha ta' kontroll fl-Istat Membru.

2. Għandha tiġi pprovduta lista taċ-ċentri lokali ta' kontroll tal-mard b'faċilitajiet adegwati għall-koordinazzjoni ta' miżuri ta' kontroll tal-marda fuq livell lokali.

3. Għandha tingħata informazzjoni dettaljata dwar l-impjegati involuti fil-miżuri ta' kontroll, il-ħiliet tagħhom, ir-responsabbilitajiet tagħhom u l-istruzzjonijiet għall-impjegati b'kont meħud tal-ħtieġa għall-protezzjoni personali u r-riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem li ġej mill-influwenza tat-tjur.

4. Kull ċentru lokali ta' kontroll tal-mard irid ikun jista' jikkuntattja malajr lil persuni u organizzazzjonijiet direttament jew indirettament involuti fi tfaqqigħ ta' l-influwenza.

5. Għandhom ikunu disponibbli tagħmir u materjali biex il-miżuri tal-kontroll tal-mard jitwettqu b'mod effettiv.

6. Għandhom jiġu pprovduti istruzzjonijiet dettaljati dwar l-azzjoni li għandha tittieħed fil-każ ta' suspett u konferma ta' infezzjoni jew kontaminazzjoni, inklużi l-mezzi proposti biex jintremew il-karkassi.

7. Għandhom jiġu stabbiliti programmi ta' taħriġ biex jinżammu u jiġu żviluppati ħiliet fil-qasam u fil-proċeduri amministrattivi.

8. Il-laboratorji dijanjostiċi għandu jkollhom faċilitajiet għall-eżamijiet *post-mortem*, il-kapaċità meħtieġa għas-seroloġija, l-istoloġija, eċċ., u għandhom iżommu l-ħiliet għal

dijanjosi rapida. Għandhom isiru arranġamenti għat-trasport rapidu tal-kampjuni. Il-pjan ta' kontinġenza għandu wkoll jiddefinixxi l-kapaċità ta' ttestjar għal-laboratorju u r-riżorsi disponibbli biex jittrattaw tfaqqigħ ta' marda.

9. Għandu jiġi prodott pjan ta' tilqim li jittratta numru ta' xenarji li għandhom jagħtu indikazzjoni ta' liema popolazzjonijiet ta' tjur u għasafar oħra miżmuma fil-magħluq li jistgħu jiġu mlaqqma, stima ta' l-ammont tal-vaċċin meħtieġ u d-disponibbiltà tiegħu.

10. Għandha ssir disposizzjoni għad-disponibilità ta' data dwar ir-reġistrazzjoni ta' azjendi kummerċjali tat-tjur fuq itterritorju tagħhom, mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijiet rilevanti oħra stabbiliti bil-leġislazzjoni Komunitarja f'dan il-qasam.

11. Għandha ssir disposizzjoni biex jiġu rikonoxxuti r-razez rari ta' tjur u għasafar oħra miżmuma fil-magħluq reġistrati uffiċjalment.

12. Għandha ssir disposizzjoni għall-identifikazzjoni ta' żoni b'densità għolja ta' tjur.

13. Għandu jsir provvediment biex jiġu żgurati s-setgħat legali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' kontinġenza.